IŻ-ŻEJTUN

*Citta' Beland*

# Ir-Rapport Annwali 2017, l-Estimi Finanzjarji 2018 u t-Tbassir Finanzjarju 2018-2020 tal-Kunsill Lokali

# Il-Werrej

Il-Werrej ....... i
Il-Kunsill Lokali ....... 1
Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Marzu 2013 _______ 1
It-Tqassim tad-Dekasteri _______ 1-4
L-Impjegati tal-Kunsill _______ 5
L-Istruttura tal-Organizzazzjoni _______ 5-6
Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni _______ 6
Il-Laqgħat tal-Kunsill _______ 7
Doris Abela, is-Sindku ....... 8-13
Stephanie Fenech, il-Viċi-Sindku ....... 14-16
Amanda Abela ....... 17
Joan Agius ....... 18-26
Claude Camilleri ....... 27-28
Dorcas Camilleri ....... 29-30
Raymond Caruana ....... 31-33
Sean Chircop ....... 34-43
Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2018 ....... 44-57

# Il-Kunsill Lokali

## Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Marzu 2013



Mix-xellug: Anton Falzon (is-Segretarju Eżekuttiv), Joseph Hales, Claude Camilleri, Joan Agius, Doris Abela (il-viċi Sindku), Joseph Attard (is-Sindku), Stephanie Fenech, Raymond Caruana, Amanda Abela u Sean Chircop

## It-Tqassim tad-Dekasteri

Is-Sindku qassam id-dekasteri u r-responsabbiltajiet kif ġej (il-Kunsilliera qegħdin f'ordni alfabetika):

<u>Doris Abela - is-Sindku</u>



- Il-laqgħat tal-Kunsill u r-rappreżentazzjoni legali
- L-estimi u l-kontroll tal-finanzi (mas-Segretarju Eżekuttiv)
- Assenjar tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill
- Il-Kumitati Reġjonali Konġunti, l-infurzar tal-liġi u d-dwal tat-toroq
- Id-drittijiet taċ-ċittadini (inkluż iċ-ċertifikati u l-passaporti)
- Ix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq, bankini u ġonna (inklużi l-permessi)
- It-traffiku u s-suq fil-beraħ
- Sigurta' tal-lokal
- Informazzjoni fuq fondi mill-EU

Stephanie Fenech - il-Viċi-Sindku



- L-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi
- L-ambjent
- L-enerġija
- Il-policy tal-ilma
- L-Eko-Konformità
- Il-negozju u l-kummerċ
- Il-liċenzji tal-ħwienet
- Il-promozzjoni tan-negozji
- Ir-relazzjonijiet barranin u l-ġemellaġġi
- Iż-żgħażagħ u l-isport
- Youths @ local

Amanda Abela - Kunsilliera



- Il-Bring-in Sites
- Is-servizz tal-Bins-on-Wheels
- L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar
- L-iskedar u l-permessi
- L-istatistika

Joan Agius - Kunsilliera



- Is-servizzi għat-tfal sa 12-il sena, inkluż il-*Kids' Club*
- Attivitajiet u inizjattivi għall-familja, inkluż is-servizz u l-korsijiet għal kulħadd, solidarjetà soċjali u l-ugwaljanza
- Id-djar u l-assistenza soċjali
- Is-saħħa u s-sanità
- Il-kuntatti mal-Korporazzjoni tat-Taħriġ u x-Xogħol
- Il-Kumitat Reġjonali Ewropew
- Il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati
- Il-Midja

Claude C. Camilleri - Kunsillier



- Il-Librerija tal-Kunsill
- Il-Librerija Pubblika Lokali
- L-edukazzjoni formali mill-Kindergarten sat-2ni sena tas-Sekondarja
- Il-Kunsilli Skolastiċi Primarji u Sekondarji sal-Form 2
- L-Edukazzjoni għall-adulti
- Ix-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija
- Il-korsijiet akkademiċi
- It-taħriġ fit-teknoloġija tal-informatika

Dorcas Camilleri - Kunsilliera



- L-anzjani
- Id-Dar tal-Anzjani
- Kuntatt mad-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani
- Iċ-Ċentru tal-Kura Matul il-Jum għall-anzjani Żwieten
- Id-djar l-oħra fejn hemm l-anzjani Żwieten
- Il-persuni b'diżabbiltà
- Il-parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabbiltà

Raymond Caruana - Kunsillier



- Is-servizz tal-ilma u d-drenaġġ
- Is-servizz tal-elettriku fit-toroq
- It-telekomunikazzjoni
- Is-servizz postali
- Il-kalendarju liturġiku u l-attivitajiet reliġjużi fil-beraħ
- Il-kuntatt mal-Knisja fuq iċ-ċimiterju

Sean Chircop - Kunsillier



- L-istorja u l-kultura
- It-turiżmu
- Il-premju *Ġieħ iż-Żejtun*
- Ir-riabilitazzjoni u r-restawr
- Il-ħarsien taż-żona urbana ta' konservazzjoni
- It-tradizzjoniijiet folkoristiċi u d-djalett, inkluż l-identità Żejtunija
- L-istudenti fl-edukazzjoni formali mill-Form 3 'l fuq, post-Sekondarja u terzjarja jew f'taħriġ
- Assistenza fis-sit elettroniku tal-Kunsill

Joseph Hales – Kunsillier



- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi, u s-soft areas
- Il-ħarsien tal-ġwiebi
- Il-manutenzjoni taż-żoni rikreattivi u l-funtani
- Il-latrini pubbliċi
- Il-knis u t-tindif tat-toroq u l-isqaqien rurali
- L-għamara tat-toroq, inklużi t-tabelli bl-ismijiet
- Il-konfini, il-periferija, in-numerazzjoni tal-bibien, l-uffiċċju elettorali u l-Karti tal-Identità
- Il-propjetà tal-Gvern Ċentrali (l-Uffiċju Konġunt/l-Artijiet)
- Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali

## L-Impjegati tal-Kunsill

Il-Kunsill għandu sitt impjegati, kif ġejjin:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Anton Falzon | Is-Segretarju Eżekuttiv |
| Angelo Caruana | Assistent Principali |
| Reuben Mamo | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Stefan Borg | Skrivan |
| Marthese Zahra | Skrivana |
| Frans Camilleri | Ħaddiem Manwali |

Għandu wkoll tmien impjegati sekondati:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Vincent Grixti | Ħaddiem tal-IPSL, assenjat mal-Kunsill |
| Consiglio Cumbo | Ħaddiem tal-ETC, assenjat mal-Kunsill |
| Joseph Chetcuti | Ħaddiem tal-ETC, assenjat mal-Kunsill |
| Martin Cassar | Ħaddiem tal-ETC, assenjat mal-Kunsill |
| Frankie Spagnol | Ħaddiem tal-ETC, assenjat mal-Kunsill |
| Joseph Barbara | Ħaddiem tal-ETC, assenjat mal-Kunsill |
| Joseph Farrugia | Ħaddiem tal-ETC, assenjat mal-Kunsill |
| Charlie Camilleri | Ħaddiem tal-Enem, assenjat mal-Kunsill |

## L-Istruttura tal-Organizzazzjoni



Il-Kunsill ifassal il-politika kollha wara li jikkunsidra u jistħarreġ ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjonijiet, il-Kumitati jew is-Sottokumitati maħluqa minnu. Id-deċiżjonijiet jinbtu mill-Kunsill; is-Sindku u l-Kunsilliera jaraw li jseħħu. Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, huma responsabbli mill-finanzi u r-rappreżentanza legali tal-Kunsill (Artikli 26 u 27).

L-irwoli tas-Segretarju Eżekuttiv u s-Segretarjat huma distinti minn dak tal-Kunsill. Is-Segretarju, li l-liġi tiddefinixxih bħala l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill (Artiklu 52), hu responsabbli li jwettaq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

## Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni




L-Assistenti Prinċipali u l-Uffiċjali Eżekuttivi jipprovdu l-assistenza kollha meħtiega lill-Kunsill u jservu bħala l-kuntatt tal-Kunsill mal-pubbliku. Il-Kunsill għandu mpjegati miegħu disa' ħaddiema manwali biex ikunu jistgħu jagħmlu dak ix-xogħol li, bosta drabi, ma jidħolx għalih xi kuntrattur.

Ix-xogħol ta' maniġer tal-kuntratti, li jieħu ħsieb il-kuntatti bejn il-Kunsill u l-kuntrattur u jiċċertifika l-ħlasijiet taħt l-istess kuntratti, ħafna drabi jitwettaq mill-Kunsilliera bla ħlas.

## Il-Laqgħat tal-Kunsill

Matul l-2017, il-Kunsill iltaqa' 11 -il darba. Bħas-snin preċedenti, l-attendenza u sehem kontinwu mill-Kunsilliera ma naqsux, minkejja li jkollhom impenji oħra, avolja l-ħidma fil-Kunsill issir fuq bażi volontarja. Hawnhekk hawn it-tabella tal-attendenza tal-Kunsilliera għas-sena 2017 :



# Doris Abela, is-Sindku

## Messaġġ tas-Sindku

Merħba! Bħal kull sena, qegħdin inressqu quddiemkom r-rapport ta' ħidma ta' matul is-sena 2017. Dan huwa l-ewwel rapport tiegħi bħala Sindku u nixtieq minn hawnhekk, niżżi ħajr lill-ex Sindku, is-Sur Joe Attard, tax-xogħol kollu li wettaq favur il-komunita' Żejtunija f'dawn l-aħħar 21 sena. Fl-istess waqt, inwiegħed li ser nahdem biex ilkoll flimkien inkomplu ntejbu l-kwalita' tal-ħajja, kif ukoll biex inkunu aktar qrib ir-residenti tagħna.

Nistqarr li din ma kienetx sena faċli għalija. Tlift lil missieri, li minkejja l-eta' sabiħa li kellu, kien għadu attiv u ma kienx jitlef attivita' milli kont norganizza fi ħdan il-Kunsill.

Il-ħajja tkompli, il-ħidma wkoll u l-irwol fil-kariga l-ġdida tiegħi, ġab miegħu mpenji kbar u responsabbiltajiet ġodda. Bl-għajnuna ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-komunita' Żejtunija, dan ser nagħmlu b'kuraġġ u determinazzjoni.

Nieħu l-okkażjoni biex nifraħ ukoll lis-Sinjura Stephanie Fenech fil-kariga l-ġdida tagħha bħala Viċi-Sindku, kif ukoll lis-Sinjorina Dorcas Camilleri bħala Kunsilliera, li ġiet eletta permezz ta elezzjoni każwali li saret fit-28 ta' Novembru. Nawguralhom għal aktar ħidma fi ħdan il-Kunsill. Nirringrazzja lill-Kunsilliera kollha tax-xogħol kollu li jwettqu fid-dekasteri rispettivi tagħhom li minkejja l-limitazzjoni ta' fondi, xorta waħda dan isir b'risq ir-residenti Żwieten. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anton Falzon tal-ħidma lejali u bla waqfien tiegħu, kif ukoll l-istaff amministrattiv u dak manwali, li mingħajr il-ħidma tagħhom, il-Kunsill ma jistax jiffunzjona.

## Infrastruttura

Din is-sena kienet iddominata mix-xogħol li beda fi Triq Alfredo Cachia Zammit. Dan ix-xogħol sar bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, l-aktar min-naħa tal-*Water Services Corporation,* kif ukoll ta' *Transport* Malta, li bejniethom se jkunu nefqu aktar minn 2 miljun Ewro. Ix-xogħol ma bediex kif kien skedat oriġinarjament minħabba li kien hemm bżonn intervent sostanzjali min-naħa tal-*Water Services Corporation.*

Bdejt b'laqgħat mat-tmexxija tal-WSC u T.M., kif ukoll ikkomunikajt mal-ministri li għandna fuq it-tliet distretti sabiex nagħmel pressjoni. Ridt inwassal id-dwejjaq u t-tbatija li għaddejjin minnhom ir-residenti tagħna, kif ukoll tas-sidien tal-ħwienet f'dik iż-żona u l-madwar.

Ix-xogħol propju fuq din it-triq beda fi Frar 2017, fejn saret sistema kompletament ġdida ta' ilma u drenaġġ li għaddiet minn nofs it-triq. Saru s-servizzi tad-djar taħt il-bankini biex jiġi evitat li jerġa' jinqala' t-tarmak f'każ ta' ħsarat u tneħħew xi *cables* minn mal-ħitan, kif ukoll *overhead crossings.* Apparti minn hekk, saret *storm water system* biex jinġabar l-ilma tax-

xita. Mill-aħħar informazzjoni li ingħatajna minn T.M., ix-xogħol fuq din it-triq mistenni jkun lest sal-bidu t'April, 2018.

Waqt il-laqgħat li kellna mal-WSC u T.M., għamilna talba sabiex jiġu rranġati t-toroq tal-madwar minħabba l-ħsarat li ġarrbu, kawża tal-ammont kbir ta' traffiku li jgħaddi minnhom, liema talba ġiet milqugħa.

Matul din is-sena, saru wkoll diversi proġetti infrastrutturali min-naħa tal-Kunsill Lokali. L-akbar proġett kien dak ta' Triq Marsaxlokk, li kienet ilha fuq l-aġenda tal-Kunsill għal bosta snin. Din inbdiet f'Mejju li għadda u ntemmet b'suċċess f'Novembru bi spiża ta' €183,000.

Triq Dun Spir Grixti wkoll tlestiet fl-2017, li saret bi spiża totali ta' €64,000. Sar ukoll xogħol ta' tisbiħ fuq Misraħ Wistin Abela fejn saret ukoll aktar aċċessibbli bi spiża ta' €15,000. L-aħħar proġett infrastrutturali li sar fis-sena 2017 kien it-tisbiħ ta' Wesgħet l-Inġiniera, fiż-żona Ta' Ganza. Dan sar bi spiża ta' madwar €10,000.

Kien ta' diżappunt kbir għalija, li minkejja li l-Kunsill kien ilu tliet snin jipprova jsib soluzzjoni dwar interessi li l-Kunsill weħel fuq kawża li nqatgħet fl-2014, ma sibniex sapport min-naħa tal-entitajiet ikkonċernati, biex issa l-Kunsill ser ikollu jitgħabba b'interessi akkumulati sa mill-2003. Dawn l-interessi jammontaw għal €91,000, flus li kieku setgħaw jintużaw fi proġetti b'risq ir-residenti tagħna.



***Triq M'Xlokk qabel***



***Triq M'Xlokk wara***



***Triq Dun Spir Grixti qabel***



***Triq Dun Spir Grixti wara***




*Misraħ Wistin Abela qabel*




*Misraħ Wistin Abela wara*



***Misraħ Wistin Abela - Aċċess għall-persuni b'diżabilita'***



***Wesgħet l-Inġiniera qabel***



***Wesgħet l-Inġiniera wara***

Matul l-2018, il-Gvern Ċentrali ser jasfalta diversi toroq fiż-Żejtun, kemm urbani kif ukoll toroq mhux urbani. Fost dawn, ser isiru Triq Xrobb l-Għagin, Triq Ħajt il-Wied, Triq Santu Kristu u Triq Tal-Kotob. Ser isiru wkoll parti minn Triq Ħal Tarxien kif ukoll Triq Taltas.



*Triq Ħal Tarxien*



*Triq Taltas*

## Attivitajiet li saru fil-qasam tal-Anzjani u Persuni b'Diżabilita'

### L-Għid il-Kbir

Nhar l-Għid il-Kbir sar it-tberik tal-figolli mill-Arċipriet Dun Nikol Pace waqt il-purċissjoni tal-Irxoxt. Residenti minn Fondazzjoni Nazareth, kif ukoll membri mill-Grupp Mattew 25, jieħdu sehem f'din l-attivita'.



## Valletta *Green Festival*

Saret attivita' għall-persuni b'diżabilita', kif ukoll għall-anzjani fl-okkażjoni tal-Valletta *Green Festival.*

Tlaqna mill-Birgu bil-*ferry* sal-Belt u kellna ċ-ċans induru l-kunvent tas-sorijiet tal-klawsura, kif ukoll napprezzaw il-ġmiel tal-fjuri mżejna fi pjazza San Ġorg il-Belt. Din l-attivita' saret bil-kollaborazzjoni tas-Sur Emanuel Vella mill-Valletta 18.



## Jum Dinji għall-Persuni b'Diżabilita'

Din l-okkażjoni ġiet iċċelebrata b'quddiesa minn Fr. Andrew bil-parteċipazzjoni tar-residenti ta' Fondazzjoni Nazareth, kif ukoll minn membri tal-Grupp Mattew 25. Wara sar riċeviment għal dawk kollha li attendew.



## Anzjani

Fi Frar saret attivita' ta' żfin u eżerċizzji fiżiċi flimkien maż-żgħażagħ tal-*Youths@local,* immexxija mill-Kunsilliera Stephanie Fenech. Din saret bil-kollaborazzjoni tal-*MOVE* u l-*instructress* Isabella Schroeder. F'Marzu, fl-okkażjoni mit-23 sena mill-ftuħ tad-Dar tal-Anzjani ġewwa ż-Żejtun, organizzajt attivita' oħra ta' żfin kif ukoll eżerċizzji fiżiċi għar-residenti. Din l-attivita' saret bil-kollaborazzjoni tal-*MOVE* flimkien mall-Kunsilliera Stephanie Fenech u l-Youths@local.





F'Ottubru saret l-attivita' Premju Anzjanita' Attiva, fejn għaliha jien innominajt lis-Sur Angelo Zahra. Għal din il-kategorija, kien hemm 46 nominazzjoni u kien ta' unur għalina li l-premju ntrebaħ mis-Sur Zahra. Huwa ingħata dan il-premju għall-ħidma kontinwa tiegħu bħala amministratur tal-Fondazzjoni Nazareth li tmexxi tlett idjar, fejn b'kollox fihom 28 resident bi bżonnijiet speċjali. Minn hawn nawguralu għal aktar snin ta' suċċess u ħidma f'dan il-qasam.

Fl-okkażjoni tal-ġranet tal-Milied, saret l-aħħar attivita' tiegħi bl-introduzzjoni tal-Kunsilliera Dorcas Camilleri, li issa ser ikollha dan l-irwol. L-attivita' saret ġewwa d-*Day Centre* fiż-Żejtun bil-parteċipazzjoni tat-tfal tat-tieni sena primarja ta' Marsaskala. It-tfal kantaw kanzunetti tal-Milied biex iferrħu lill-anzjani preżenti.



# Stephanie Fenech, il-Viċi-Sindku

L-2017 kienet sena oħra mpenjattiva f'dak li huwa ħidma b'risq il-komunita' Żejtunija. L-attivitajiet li ġew imfassla u organizzati matul is-sena kienu varjati ħafna. Dawn l-attivitajiet interessanti dejjem saru bi skopijiet edukattivi, informali u interattivi, fejn jidħlu speċjalment il-kreattivita' u l-avventura, li dawn joħolqu l-entużjażmu fil-komunita' bil-partecipazzjoni attiva, speċjalment miż-żgħażagħ. Wara kull attivita', ikun hemm dejjem dak il-lok li ssir evalwazzjoni biex flimkien naraw x'kienu l-elementi pożittivi u fejn nistgħu, nirrangaw f'attivitajiet futuri.



**L-attivitajiet li saru fost oħrajn kienu jinkludu :**



- Diversi ġranet ġewwa l-kampanja u mixjiet, kemm matul il-gurnata u anke matul il-lejl.
- **Live-in Workshop** ta' 3 ijiem bejn l-4 u 6 ta' Marzu, bi programm ibbażat fuq avventura għaż-żgħażagħ ġewwa l-*Youth Hostel Villa Psaigon* fil-Buskett.
- **Lejla taħt l-Istilel** fejn jingħata lok biex napprezzaw id-Dmugħ ta' San Lawrenz minn ambjent fejn hemm nuqqas ta' *light pollution,* flimkien ma' BBQ rikreattiv ġewwa Delimara.



- ***Shake it Glow in the Dark - Street Soccer*** bil-kollaborazzjoni ta' Valletta 18, MOVE u MCAST - attivita' sportiva interessanti fejn intefa' d-dawl artifiċjali għal matul il-lejl, intrama grawnd fuq iz-zuntier f'Misraħ ir-Repubblika u permezz ta' dawl artifiċjali tal-UV, bosta tfal u żgħażagħ ipparteċipaw f'logħob tal-futbol bejniethom b'mod organizzat. Attivita' li ġibdet l-attenzjoni ta' bosta persuni u tat iċ-ċans lil dawk li ppparteċipaw jagħmlu eżerċizzju fiżiku u sportiv b'mod kreattiv u uniku.





- **Mawra sa' Kemmuna** nhar is-17 t'Awwissu - attivita' mistennija minn ħafna parteċipanti, speċjalment żgħażagħ.

- ***Bake Sale* b'risq l-Istrina** nhar it-23 u l-24 ta' Diċembru f'Misraħ Gregorio Bonici, fejn iż-żgħażagħ attivi fil-*youths@local*, ippreparaw bosta ħlewwiet flimkien u biegħu dan kollu, bil-fondi kollha jmorru għall-Kampanja Nazzjonali tal-Istrina 2017. L-ammont totali li inġabar kien jammonta għal Ewro 340.00.



Kienet sena fejn komplejna wkoll il-ħidma tagħna fil-kamp sportiv, fejn bqajna nagħtu s-sostenn tagħna lill-għaqdiet tal-lokal. Bqajna nipprovdu l-ispazju tal-Kunsill biex nipprovdu taħrig fl-arti marzjali u eżerċizzju fiżiku permezz ta' *aerobics* bla ħlas, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa. Awgurajna u fraħna flimkien maż-*Zejtun Corinthians F.C.* li kisbu l-promozzjoni mill-ġdid għall-Ewwel Diviżjoni u *champions* tat-Tieni Diviżjoni.



Grazzi lil dawk kollha li ikkontribwixxew għal dan kollu, kemm b'mod dirett u b'mod indirett. Kull sehem hu importanti biex flimkien nagħmlu żvilupp soċjali fil-komunita'.

Filwaqt li nsellem u nirringrazzja lis-Sindku Joe Attard tal-ħidma sfieqa li għamel mill-qalb għal-lokal tagħna, nawgura l-istess ħidma lis-Sindku Doris Abela, lill-Kunsilliera l-ġdida, Dorcas Camilleri u lit-tim kollu ta' Kunsilliera li naħdmu flimkien bi skop wieħed - dak li naraw liż-Żejtun fl-aqwa livelli fl-oqsma kollu.

Grazzi wkoll tmur lis-Segretarju Eżekuttiv, Anton Falzon u għall-impjegati, kemm fil-qasam amministrattiv u anke manwali, kif ukoll għas-sostenn tagħhom fl-attivitajiet u t-talbiet li aħna nressqu.

# Amanda Abela

Bħala Kunsilliera Lokali responsabbli mill-*Bring-In Sites*, huwa fir-responsabbilta' tiegħi li nara li dawn is-servizzi jiġu użati bl-aktar mod tajjeb u li jkunu qed jaqdu l-funzjoni tagħhom - dik li jagħtu servizz lill-komunita' Żejtunija, kif ukoll li ma jkunux ta' detriment għal residenti oħra.

Mill-banda l-oħra, fejn jidħlu MEPA, kif ukoll Skedar u Permessi, il-permessi li jaslu lill-Kunsill Lokali, isirilhom proċess ta reviżjoni fuqhom, fejn hawn naraw li l-iżviluppi li se jkunu ħa jingħataw mill-MEPA lir-residenti ta' din il-lokalita', ikunu se jħallu l-karattru ta' fejn se jkun qed isir l-iżvillupp.

Apparti l-ħidma tiegħi fid-dekasteri msemmija, f'din l-aħħar sena għamilt ħilti kollha sabiex f'ċirkostanzi, speċjalment f'dawk meqjusa urġenti, nagħti s-sehem tiegħi billi anke nsaqsi mistoqsijiet speċifiċi dwar il-kwistjoni li tkun qed tiġi diskussa. Dan sabiex bħala Kunsill inkunu aktar *accountable* lejn ir-residenti.

Matul din is-sena, komplejt nisħaq dwar l-importanza li x-xogħol ta' Triq Alfredo Cachia Zammit jitlesta mill-aktar fis possibbli. Dan għaliex ix-xogħol fuq din it-triq, qed ikun ta' detriment fuq ir-residenti, kif ukoll fuq dawk bin-negozju f'din it-triq.

Kienet ukoll sena fejn wassalt l-ilmenti, kif ukoll is-suġġerimenti tan-nies. Dan sabiex ir-resident iħossu moqdi, kif ukoll biex flimkien bħala Kunsill dejjem naħdmu għall-ġid tar-resident.



# Joan Agius

## Introduzzjoni



Għal diversi snin mibnija fuq sisien u tmexxija soda tal-mibki, is-**Sindku s-Sur Joe Attard**, illum qed inwassal dan il-programm ta' ħidma sfiqa tiegħi flimkien mal-Kunsilliera u lill-ħaddiema ħabrieka tagħna. Ma nistax ma nagħtix il-bidu tiegħi b'tislima xierqa u ngħid grazzi lis-Sur Joe Attard, li huwa dejjem emmen fija u fil-ħidma tiegħi. Kienu 23 sena ħidma bla waqfien favur iż-Żwieten spalla ma' spalla mas-Sur Attard. Nista' ngħid li tgħallimt ħafna mingħandu u ser nibqa ngħożż din il-ħidma li qed tħalli sisien sodi u Kunsill sinjur, kemm fil-ħsieb, kif ukoll finanzjarjament. Din is-sena, ser inkomplu b'diversi proġetti ppjanati mis-Sur Attard fosthom: il-Berġa, Ġnien San Girgor u diversi tarmak u bankini fit-toroq tagħna. Dan huwa xogħol prezzjuż li, minkejja kull ostaklu li wieħed jista' jkollu, xejn mhu ser iwaqqaf il-ħidma tiegħi biex inkompli naħdem fejn bnejt għal dawn l-aħħar snin.



Iva kienu **23 sena ta' ħidma u xogħol b'imħabba** li għandi lejn iż-Żejtun u ż-Żwieten. Dawn tawni sodisfazzjon personali li, minkejja x-xogħol *fulltime* privat u impenjattiv tiegħi, xorta waħda l-ħidma volontarja u l-inizjattiva favur il-komunita' Żejtunija qatt ma waqqaftha. Nagħti l-għajnuna u l-kontribut tiegħi lil diversi persuni li jiġu jagħmlu l-ħidma tagħhom fil-komunita' tagħna taħt il-*probation officers.* Dan huwa xogħol sensittiv ħafna li jsir taħt is-superviżjoni tiegħi u tal-Qrati Maltin.



Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sindku l-ġdid tagħna, **is-Sinjura Doris Abela**, li wara l-mewt tas-Sur Attard, emmnet fil-ħidma tiegħi u ħallietni nkompli naħdem fil-qasam fejn bdejt għal diversi snin. Jien pubblikament nerġa nwegħda li nkompli naħdem favur iż-Żwieten kollha kif kont qed nagħmel għal dawn l-aħħar snin u nagħti l-appoġġ kontinwu tiegħi lis-Sinjura Abela, hekk kif kont nagħti lis-Sur Attard.

Id-dekasteri tiegħi huma: **Kumitat Reġjonali Ewropew, Midja, Pulizija, Ċivil, Forzi Armati, Djar u Assistenza Soċjali, Ugwaljanza, Familja, Tfal, Saħħa, il-Manucca *Child Care Centre*, Żejt iż-Żejtun u l-Komunita'** fost oħrajn qatt ma naqsu mill-ħidma tiegħi. Dan kollu qed issir wara l-ħin tax-xogħol, fejn il-ħin liberu qed niddedikah lil-komunita' Żejtunija. Ħidma produttiva, siekta, delikata u b'kunfidenzjalita' kbira.





Kienu diversi attivitajiet immirati lejn il-Familja, Tfal u l-Komunita' inġenerali barra l-attivitajiet tal-*Kids Club*, li qed isiru fuq bażi regolari kull nhar ta' Sibt. Dan kollu qed isir bl-għajnuna tas-**Sotto Kumitat**, Leaders tal-**Kids Club** u l-għalliema ta' l-artiġjanat fl-**Għaqda Folklor, Storja, Arti u Artiġjanat taż-Żejtun.**

Fil-qosor se nagħti ftit informazzjoni fuq dawn l-attivitajiet, li tista' tgħid kienu kollha edukattivi u ta' divertiment għall-familja kollha.





## Tfal

It-tfal minn dejjem kienu l-għan ewlieni tiegħi, fejn nindukrawhom, nedukawhom u inkomplu ngħinuhom fl-iżvilupp u t-trobbija tagħhom. Għalhekk kienu diversi l-attivitajiet immirati għat-tfal fosthom:

- *Kids Club* Xitwa kull nhar ta' Sibt bejn is-2.00pm u l-4.00pm.
- *Kids Club* Sajf - 5.00pm - 7.00pm.
- Tfal jaddottaw Anzjan/a.
- Tfal iżuru l-anzjani matul is-sena u jferħuhom bil-kant u l-logħob.
- Ħargiet Edukattivi u Kulturali.
- Żorna s-Sezzjoni tal-Klieb u ż-Żwiemel tal-Pulizija.
- Tisjir għat-tfal.
- Ħjata għat-tfal.
- Korsijiet għat-tfal matul is-Sajf.
- Tqassim ta' figolli lit-tfal - *Easter Sunday.*
- Kant u żfin għat-tfal.
- Parties tal-Milied, *Easter, Halloween,* Karnival u l-Praċett.
- *Water Sports* fis-Sajf.
- Ħarġiet għaċ-Ċinema u Postijiet Edukattivi.







### Pantomina - Is-Super Saħħar ta' OZ

**Kitba u Direzzjoni ta' Andre' Mifsud - *KidsClub Leader* ta' 17 -il sena.**

Għal darboħra, il-Pantomima ġibdet numru kbir ta' udjenza miż-Żejtun u rħula oħra. Kien hemm ix-xewqa li din il-Pantomima tidħol fil-programm annwali tagħna. Nista' ngħid li Andre', f'eta' ta'13 -il sena, wera li għandu potenzjal kbir fil-kitba u t-teatru. Kienet ix-xewqa tiegħu stess li, barra li jferraħ lill-udjenza, iferraħ ukoll lis-sorijiet, billi il-qliegħ imur għalihom. Din is-sena għandi pjaċir ngħid li tajna €1,000 donazzjoni lill-Madre Ta' Ġesu' Nazzarenu.

## Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun



Din is-sena wkoll, għandi l-pjaċir inkompli ngħid li l-ħolma tagħna saret realta', fejn diversi tfal attendew fil-**Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun**. Hawn nixtieq ngħid ukoll li ċ-Ċentru tagħna laħaq livell għoli, li dan qed jiġi apprezzat minn kulħadd, kemm mid-Dipartiment Edukattiv, kif ukoll dak Soċjali. Dan kien proġett ambizzjuż, li l-għan tiegħu kien li jkun post ta' għajnuna għal dawk in-nisa u l-irġiel li jixtiequ jħallu lit-tfal tagħhom f'post ċentrali u sabiħ sakemm huma jkunu jistgħu jkomplu bix-xogħol jew bl-istudji tagħhom.



Kienet bidu tas-sistema *free child care* bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, fejn diversi ġenituri qed jibbenifikaw minn din is-sistema. Dan iċ-Ċentru qed iħalli madwar €36,000 dħul fis-sena lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun.



Għal tlett snin sħaħ, dan il-*Child Care Centre* kien qed jitmexxa mill-Fondazzjoni tal-mibki Sindku, is-Sur Joe Attard, flimkien miegħi Joan Agius bħala Kunsilliera responsabbli mill-komunita' u tlett membri oħra tal-*Board*. Illum kulħadd qed jirrikonoxxi l-frott li qed iħalli dan iċ-ċentru, li qed jilqa' madwar 41 tifel u tifla u jħaddem 8 nisa, 2 fuq bażi *full time* u 6 *part timers*. Wara tlett snin mill-ftuħ tiegħu, il-Kunsill daħħal €107,000. Dan qed juri li din il-ħolma saret realta', grazzi għall-mibki Sindku, is-Sur Joe Attard, li mill-ewwel laqa' x-xewqa tiegħi li jkollna Ċentru għall-Ħarsien tat-Tfal matul il-Jum.



**Grazzi lil dawn iż-żewġ membri li m'għadhomx magħna fil-Board tat-Tmexxija, Fr. Vincent Magri u l-mibki, is-Sindku Joe Attard.**



## Familja

Il-familja wkoll għandha posta fil-ħidma tagħna. Hawn ma naqsux l-attivitajiet matul is-sena li kienu:



- Diversi Korsijiet għal kulħadd.
- *Recreation Activities - Weekend Breaks.*
- *Dinner Dances.*
- Mixjiet fil-Kampanja.
- Jum il-Mara.
- Jum l-Omm .
- Jum il-Missier.
- Żjarat f'diversi postijiet ta' interess.
- Diversi *films* u *coffee breaks.*
- Ġurnata *Etna Land* ġewwa Sqallija.
- Ġurnata *Theme Park* ġewwa Sqalija.
- Ġurnata *shopping* ġewwa Catania, Sqallija.
- Ġurnata oħra ħarġa Kulturali ġewwa Sqallija.
- Ġurnata Kemmuna fuq il-*Horn Blower.*
- Żjara Kulturali.
- Żjarat ġo Għawdex fis-Sajf u fix-Xitwa.
- Karnival tan-Nadur - Għawdex.
- Ħarġa bit-*Taxi Boat* bejn Bormla, il-Belt Valletta u tas-Sliema.
- Tqassim tal-boroż il-ħodor.
- Żjara ta' vari f'Ħamis ix-Xirka
- *Valletta 18 – Green Festival Malta*
- GAL Xlokk
- Programm - Għaqal id-Dar
- Korsijiet tal-*First Aid*







## Saħħa

Is-saħħa wkoll hija importanti, fejn bħas-snin l-imgħoddija, komplejna inwasslu kull tagħrif importanti lir-residenti tagħna. Din is-sena wkoll tajna 880 tilqima kontra **l-influwenza lir-residenti 'l fuq minn 55 sena.** Ħadt sehem f'diversi laqgħat relatati mas-saħħa. Nista' ngħid ukoll li ftit tax-xhur ilu, bdejna l-ħidma tagħna mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex il-Berġa tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Ser isir xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ tal-Berġa matul din is-sena, li din hija wkoll parti mill-Għassa taż-Żejtun.



## Laqgħat u *Seminars*

Matul din is-sena, kelli okkażjonijiet oħra fejn ħadt sehem f'diversi laqgħat u *seminars* organizzati għalina l-Kunsilliera. Bħala **Segretarja tas-Sezzjoni Kunsilliera PL,** attendejt ukoll diversi laqgħat ta' diskussjoni fuq diversi suġġetti ta' importanza. Din is-sena wkoll, ħadna sehem fil-*Commonwealth Local Goverment Conference*, fejn diversi Ministri u Sindki barranin ħadu sehem u żaru ż-Żejtun.

## Ċentru Arti u Artiġjanat

L-Għaqda Folklor, Storja, Arti u Artiġjanat taż-Żejtun kompliet l-għan ewlieni tagħha, fejn diversi għalliema fl-artiġjanat, għannejja, kittieba, atturi u oħrajn, qed jagħtu kontribut liż-Żejtun f'diversi okkażjonijet flimkien, biex ikomplu jsaħħu l-identita' tagħna iż-Żwieten.





Din is-sena, għall-ewwel darba, ħadna sehem fil-festa ta' San Girgor, fejn l-Għaqda Folklor, ħadet ħsieb tarma l-*istalls* u torganizza ż-żona ta' San Girgor.

Membri mis-Sotto Kumitat tagħna u l-*Kids Club,* libsu l-ilbies tradizzjonali flimkien mas-sezzjoni Żoey. Ħadu sehem ukoll fid-defile' fejn laqgħu l-korteo tal-kleru fuq iz-zuntier Parrokkjali ta' Santa Katarina. Kulħadd ingħaqad fi briju mas-Sindku, is-Sur Joe Attard u l-

Ministru responsabbli mill-kultura Dr. Owen Bonnici. Ħadna sehem fl-Għanafest, fejn din is-sena għall-ewwel darba saret fil-Ġnien l-Għannejja San Girgor. Armajna u żejjinnha l-ġnien b'ikel u xorb tradizzjonali Malti.

## GAL Xlokk

Għal diversi snin, bħala **membru fil-Board GAL Xlokk,** qed nagħti s-sehem tiegħi favur xogħol fejdieni għaż-Żejtun. Wieħed jista' jinnota lill-mibki, is-Sindku Joe Attard, li bħala *Chairman* għall-GAL Xlokk kien qed iħejji diversi proposti fit-tfassil tal-miżuri ġodda fil-pjan ta' strateġija dwar Regoli Operattivi għall-programm 2014- 2020 sabiex issir referenza fis-sottomissjonijiet.



***Proġett li sar permezz ta'***
***Fondi miġjuba mill-GAL Xlokk***

## *Housing*

Komplejna nagħtu s-sehem tagħna lil diversi residenti Żwieten li joqogħdu fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Ħal Tmin, Ta' Ganza u Ġebel San Martin. Għalkemm mhux responsabbilta' diretta tagħna, komplejt inkun il-vuċi tagħhom sabiex inkomplu ntejbu il-ħajja tagħhom, kif ukoll l-ambjent li qed jgħixu fih.

Il-Kunsill minn dejjem għamel l-almu tiegħu sabiex itejjeb l-ambjent madwar il-*Housing Estates* tagħna. Issa nixtieq inħabbar ukoll li minn Jannar 2018, ser nibdew ix-xogħol fuq żewġ binjiet oħra: dawk ta' Ġebel San Martin u Binja Minżel.

## Żejt iż-Żejtun

Attivita' oħra - Żejt iż-Żejtun kienet suċċess ieħor. Din saret festa folkloristika oħra mfittxija miż-Żwieten u l-Maltin kollha. Nista' ngħid li, minn xhur qabel ikolli diversi talbiet sabiex diversi nies jieħdu sehem. Din saret festa Nazzjonali, tant li anki minn barra minn Malta jkolli rispons tajjeb ħafna. Din is-sena għandi pjaċir inħabbar li din l-attivita', wara 11-il sena, rebħet l-***Award EFFE*** **mill-Unjoni Ewropea.**












## Għeluq

Fil-qosor tajt ħarsa ħafifa lejn l-attivitajiet tiegħi għal din is-sena. Sena oħra b'ħidma kbira b'risq iż-Żwieten. Minkejja li issa qed inkun xogħol fuq bażi *full time* fis-Segretarjat MJCL, fil-Ministeru Ġustizzja Kultura u Gvern Lokali, xorta waħda b'sagrifiċċju kbir bqajt nagħti sehmi b'mod volontarju b'ritmu li kont qed naħdem qabel. Hawn nixtieq ngħid grazzi lill-Ministru Onor. Dr. Owen Bonnici. Dan kien possibbli bl-għajnuna ta' żewġi Joe u l-familja tiegħi, kif ukoll bis-saħħa tas-Sindku Joe Attard, li minkejja saħħtu, huwa dejjem kien hemm biex jissapportjana bħala kunsilliera Żwieten sa l-aħħar ġurnata ta' mewtu.




Grazzi mill-ġdid lis-Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon, Angelo, Reuben, Stefan, Marthese u l-ħaddiema manwali għall-għajnuna tagħhom. Ngħid grazzi wkoll għall-fiduċja li dejjem sibt mis-Sotto Kumitat tiegħi, diversi ġenituri, għalliema, *leaders* u *helpers* oħra fil-*Kids Club* u liż-Żwieten kollha.

Nixtieq insellem lid-*Dame* Ms. Frances Grima, li din is-sena kienet l-aħħar darba li aħna żornija ġewwa ż-Żejtun *Home,* għax propju ħallietna fl-eta' sabiħa ta' 102. Ms. Grima tat kontribut kbir lil-komunita' tagħna. B'hekk, ikun xieraq li aħna nsellmulha wkoll u ngħidulha grazzi.



J'Alla din is-sena tkun aħjar minn din li kellna.

# Claude Camilleri

Ma nistax ma nibdiex dan ir-rapport u ma nsellimx il-memorja ta' l-ex Sindku, is-Sur Joe Attard li ħalla din id-dinja f'Novembru li għadda. Minn hawn nixtieq li nirringrazzjah tas-sapport kontinwu f'kull livell li ta liż-Żejtun kemm kien ilu Sindku. Grazzi Joe.

## Edukazzjoni

- Il-korsijiet edukattivi għall-istudenti tal-Primarja.
- Permezz ta' għalliema kwalifikati, din is-sena tajna taħriġ fil-Malti, Ingliż u Matematika. Il-klassijiet kienu bejn tmien u għaxar studenti. Dan kien possibbli biex l-għalliema jagħtu taħriġ individwali lil kull student.

## Kompjuter

- Korsijiet b'xejn għal kulħadd kemm għat-tfal u kemm għall-adulti.
- Din is-sena fix-xhur tas-Sajf, flimkien ma' TCTC, introduċejna korsijiet b'differenza tal-kompjuter, bl-isem ta' *Robotica Nation* fejn it-tfal tgħallmu jibnu u jikkontrollaw ir-*robot* provdut.
- Saru korsijiet fil-modjuli kollha ta' l-ECDL bi prezz ferm issussidjat.
- Lezzjonijiet għall-adulti biex jitghallmu jużaw *smart phones, tablets, internet* u *mobile applications.*




## Illiteriżmu

- Flimkien mal-Istitut Paolo Freire, u bl-għajnuna tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, ġew organizzati lezzjonijiet fil-qari u fil-kitba tal-Malti u l-Ingliż.
- Dawn saru mingħajr ħlas u setgħu japplikaw għalihom adulti minn 16 -il sena 'l fuq.
- Din is-sena, flimkien mal-Istitut Paolo Freire u mad-Direttorat għat-tagħlim tul il-Ħajja, ġiet organizzata klassi fl-ECDL.
- Ta' dan nixtieq nirringrazzja lil Fr. Vince u lil Fr. Edgar għall-għajnuna tagħhom.

## Librerija Ġużeppi Pulis Montebello

- Wara li fis-sena 2016 irrinovajna l-librerija GPM u neħħejna kotba antiki li ma kienx għad hemm użu għalihom, fis-sena ta' ħidma li għada kif intemmet, komplejna bl-eżerċizzju biex inkomplu nżidu l-kotba ġodda fuq l-ixkafef.
- Inxtraw b'kemm jiswew €1,600 kotba ġodda kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar.
- Ġiet mogħtija għotja ta' kotba mid-**Dipartiment tal-Libreriji.**
- Saru rakkonti ta' stejjer għat-tfal fil-parti ta' quddiem fejn ġie maħluq spazju biex jintuża għal dan il-għan.



## Konklużjoni

Grazzi tal-għajnuna kontinwa li dejjem sibt. Nirringrazzja lill-familja tiegħi tal-appoġġ, lill-ex Sindku - is-Sur Joe Attard, is-Sindku l-ġdid, is-Sinjura M'Dolores Abela u lil sħabi l-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv - is-Sur Anton Falzon u lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali, lis-Sur Steve Borg u lill-poplu Żejtuni ta' l-appoġġ li dejjem tana.

Inħossni sodisfatt ħafna li mill-ftit ħin li għandi, kont ta' ġid għaż-Żwieten kollha, u nisperaw li din is-sena nkomplu nsaħħu l-ħidma tagħna għall-ġid ta kulħadd.

# Dorcas Camilleri

## Introduzzjoni

Ma nistax nibda dan ir-rapport billi ma nsemmix lill-għażiż Sur Joe Attard, li ħalliena fit-18 ta' Novembru 2017 u li għal ħafna snin serva bħala Sindku taż-Żejtun. Kawża ta' din it-telfa, kellha issir l-elezzjoni każwali fit-28 ta' Novemberu 2017, fejn dakinhar stess jien ġejt eletta bħala Kunsilliera taż-Żejtun.

Għalija, it-28 ta' Novembru 2017, kienet tfisser ħafna fejn minn dakinhar stess li ħadt il-ġurament, jien sirt nifforma parti mill-Kunsill Lokali. Minn dejjem kelli x-xewqa li xi darba nifforma parti minn dan il-Kunsill biex inkun nista' nservi lill-poplu Żejtuni li jien tant inħobb. Sa minn ċkuniti, kont nattendi bosta attivitajiet li kienu jiġu mtella' mill-Kunsill u minn ħafna Kunsilliera ħabrieka li dejjem kellu dan il-Kunsill u li għalhekk komplejt nifhem l-importanza li tifforma parti minn dan il-Kunsill taż-Żwieten.

Is-Sinjura Doris Abela, li ilum hija is-Sindku taż-Żejtun, tagħtni r-responsabbilta' biex nieħu ħsieb id-dekasteru tal-anzjani u nies b'diżabilita'. F'dan id-dekasteru, jiena wkoll inkarigata li nieħu ħsieb il-parkeġġi riservati għal dawk li għandhom problemi ta'mobilita'.

## Attivita' Doris Abela



Fid-19 ta' Diċembru 2017, is-Sinjura Doris Ablea għamlet l-aħħar attivita' tagħha ġewwa id-Day Centre, fejn hemm ġabet tfal tal-Primarja mill-Iskola ta' San Tumas Moore ta' Wied il-Għajn. F'din l-attivita', it-tfal kantaw kanzunetti relatati mal-Milied. Qabel ma spiċċaw, it-tfal qassmu kartolini għal dawk l-anzjani li kienu preżenti.



## Attivita' Joan Agius

Tul l-istess żminijet tal-Milied, is-Sinjura Joan Agius, għamlet żjara bit-tfal ġewwa dar tal-anzjani. F'din iż-żjara, is-Sinjura Agius, tfal u jiena, kantajna għanjiet tal-Milied . F'din iż-żjara, it-tfal qassmu wkoll kartolini lill-anzjani li saru minnhom stess waqt il-ħin tal-Kids Club.

Għall-ewwel darba f'dawn iż-żewġ attivitajiet, kelli l-opportunita' sabiħa li niltaqa' mar-residenti tad-dar tal-anzjani, kif ukoll mal-anzjani li jattendu fid-Day Centre.

S'issa għadni ma organizzajtx attivita' tiegħi, kemm għax kien hemm attivitajiet li kienu diġa' pjanati, u kemm minħabba il-ftit żmien li kelli għad-dispożizzjoni tiegħi, pero dan ma jeskludix il-fatt li m'hemmx pjanijiet għas-sena li ġejja. Apparti minn hekk, huwa fil-ħsieb tiegħi li nibqa' nimxi fuq l-istess pjanijiet u attivitajiet li kienu qed isiru qabel.



## Konklużjoni

Nixtieq nagħlaq dan ir-rapport billi nibda nirringrazzja lis-Sindku Doris Abela, Viċi-Sindku Stephanie Fenech, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill tas-sapport kollu tagħhom. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill-poplu Żejtuni tas-sapport u l-apprezzament tagħhom għax-xogħol siewi li jsir fih dan il-Kunsill Lokali.

# Raymond Caruana

Għaddiet sena oħra ta' ħidma u nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil kull min itini is-sapport kollu biex inkun nista' naħdem bla qatigħ għall-ġid taż-Żwieten u l-komunita' taż-Żejtun. Kienet sena impenjattiva ħafna fejn jidħol ix-xogħol li għandi f'dan id-dekasteru. Il-ħidma tiegħi tikkonsisti fuq servizzi bħal elettriku domestiku, drenaġġ, ilma, servizzi postali u ħidma bejn il-Kunsill u l-knisja rigward iċ-ċimiterju u attivitajiet relatati mal-knisja bħal purċissjonijiet.



***3, Sqaq il-Wied***



***Misraħ ta' Pizzuta***

Din is-sena kienet waħda impenjattiva għax kellna bosta ħsarat fejn jirrigwarda dawl ta' barra, fejn ta' kuljum nirrapporta qtugħ ta' bozoz li jkunu mal-arbli, kif ukoll mal-ħajt, u anke fanali dekorattivi li għandna imxerrdin ġewwa bosta toroq ġoż-Żejtun.

L-ikbar spiża li seta' jkollna din is-sena kienet tirrigwarda dwar il-ħsarat estensivi li kellna minħabba il-maltemp li jiġi kkawżat matul l-istaġun tax-Xitwa. Ħafna danni li l-ammonti l-kbar jikkonsistu fi qtugħ ta' bozoz minħabba r-riħ u x-xita li jaqilgħu.

Barra minn hekk, nixtieq ngħid illi barra li kont nirrapporta jien, kienu jirraportaw ukoll ir-residenti infushom billi jgħaddu ir-rapport lis-segretarji tal-*customer care* li għandna ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill. U minn hawnhekk nixtieq insellem u nirringrazzja b'mod speċjali lill-ħaddiema tagħna fil-*customer care* u anke fl-amministrazzjoni, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għall-impenn tagħhom u x-xogħol dedikat li huma jagħmlu. Dan qiegħed ngħidu

għax l-ilmenti u r-rapporti tal-pubbliku, iridu jgħadduhom huma minn fuq is-sistema kompjuterizzata biex ikun jista' jitwettaq ix-xogħol.



***Triq l-Ispirtu s-Santu***



***Triq Santa Ċeċilja***

Nixtieq ngħid ukoll illi saru ħafna tiswijiet fuq lampi li kienu qodma u anke inbidel il-kompartiment kollu, u anke ingħatat dehra totalment differenti anke fit-toroq taż-Żejtun. Din is-sena wkoll, erġajna qegħdin induru l-fanali li għandna ta' l-isqaqien, għax kellhom bżonn dawra minħabba ż-żebgħa, u anke kellna nibdlu xi ħġieġ milli jkun tkisser. Barra minn hekk, saru ħafna xogħlijiet fuq arbli li għandhom x'jaqsmu mal-*Enemalta*.

Nixtieq ukoll nirringrazzja b'mod speċjali lis-Sur Joe Borg tan-*Nexos Lighting* u l-ħaddiema tiegħu, li huwa l-kuntrattur li jibdel u jirranġa s-sistema tal-elettriku fuq barra għax-xogħol tajjeb u utli li jsir, għax dan isir fl-inqas żmien possibbli għall-ġid tar-residenti. Qegħdin jitwaħħlu bozoz ġodda anke fejn kien hemm zoni li kellhom nuqqas ta' dawl, u fil-futur qed nikkonsidraw illi inwaħħlu iżjed u skond il-bżonn li jeħtieġu r-residenti.

Nixtieq nirringrazzja wkoll b'mod speċjali lill-ħaddiema kollha ta' l-Enemalta, għax b'mod professjonali kienu ta' għajnuna wkoll meta kellna partijiet miż-Żejtun bla dawl minħabba ħsarat. U qiegħed ngħid dan għaliex ħadmu bl-aktar mod effiċjenti u fl-inqas ħin possibbli biex il-provvista terġa' tiġi għan-normal. Barra minn dan, ix-xogħol li għandi fid-dekasteru li jien ġejt fdat bih, parti mill-ħidma tiegħi tkun ukoll li jien naġġorna minn ġimgħa għal ġimgħa in-*notice boards* li għandna mxerrdin f'diversi partijiet miż-Żejtun li jkun fihom sors ta' informazzjoni dwar attivitajiet li jsiru ġoż-Żejtun u tagħrif ieħor inġenerali.



*Triq San Ġużepp*



*Triq Serafin Xuereb*

Barra dan ix-xogħol li għandi, f'dan id-dekasteru kienu bosta xogħlijiet oħra li wettaqt b'suċċess, u anke grazzi għal persuni li dejjem avviċinawni, jiena kont utli biex inlestihom fil-ħin. Kien hemm ċertu xogħol li jirrigwarda *wires* li huma tat-telefon u internet li għandhom x'jaqsmu mal-kumpaniji GO u *Melita Cable*. Nista' ngħid li kull meta daħħalt rapport fejn seta' kien hemm ħsara jew tranġar ta' *wires,* dejjem kienu effiċjenti u saru b'mod pulit li ma jdejjqux lir-resident.

Nagħlaq dan ir-rapport annwali tiegħi biex nerġa ntenni r-ringrazzjamenti tiegħi billi nawgura kull ħidma sfieqa li titwettaq ġewwa din il-belt hekk sabiħa u pittoreska taż-Żejtun. B'dan nixtieq inrodd ħajr għax-xogħol kollu li wettaq is-Sindku Joe Attard, li ħalliena f'Novembru tas-sena li għaddiet, u nirringrazzjah għal dak kollu li għamel għall-ġid taż-Żejtun. Filwaqt li nawgura minn qalbi lis-Sindku l-ġdida, is-Sinjura Doris Abela, u anke lill-Viċi-Sindku, is-Sinjura Stephanie Fenech għall-ħidma sfieqa, biex flimkien magħna l-Kunsilliera nkomplu nwettqu ħidma bla waqfien ġewwa din il-belt sabiħa taż-Żejtun.

# Sean Chircop

## Introduzzjoni

Din kienet il-ħames sena tiegħi bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Nista' ngħid li kienet sena oħra impenjattiva f'dawk li għandhom x'jaqsmu ma' xogħlijiet u attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mat-Taqsima tal-Kultura, l-Istorja, it-Turiżmu u l-Edukazzjoni Għolja.

Matul din is-sena komplejt niżviluppa u nsaħħaħ l-attivitajiet li konna bdejna fis-snin ta' qabel u wkoll ħriġna bi proġetti u attivitajiet ġodda. Ma nistax nibda dan ir-rapport ta' ħidma bla ma nsellem lis-Sur Joe Attard tal-għajnuna u l-ideat tiegħu biex insaħħu l-attivitajiet.

Minn hawn nixtieq nawgura lis-Sindku Doris Abela għall-ħidma tagħha u nirringrazzjaha talli kompliet tara fiduċja fija biex inkompli naħdem f'dan il-qasam. Nixtieq nirringrazzja wkoll għal darb' oħra lill-għaqdiet Żwieten, fosthom it-tliet soċjetajiet mużikali, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, kif ukoll numru ta' Żwieten, li dejjem urew l-koperazzjoni tagħhom għal kull għajnuna li kelli bżonn minnhom biex tkun tista' tittella' xi attività partikolari.

## 15-il sena mill-Grupp Filateliku taż-Żejtun



Din kienet il-**15-il sena** mit-twaqqif tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun, fejn komplejna niltaqgħu kull l-aħħar Tlieta tax-xahar fil-binja tal-Kunsill Lokali. Ta' kull xahar komplew jiġu esperti fil-qasam filateliku biex ikellmu lill-membri tal-Grupp fuq aspetti filateliċi u l-Grupp kompla jikber u jissaħħaħ, fejn hu wieħed mill-aktar gruppi filateliċi attivi f'Malta.

Fil-31 ta' Jannar, 2017, ħadna ħsieb li noħorġu żewġ bolol personalizzati u żewġ kartolini filateliċi biex ifakkru t-**80 sena anniversarju** mill-ewwel ħarġa filatelika fiż-Żejtun - The Melita Post u l-15-il sena mit-twaqqif tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun, li kienu juru żewġ kaxxi tal-ittri skedati Grad 1, li nsibu fiż-Żejtun. Ħadna ħsieb ukoll biex il-Grupp jibda joħroġ gazzetta filatelika, **The Melite Post**, wara nuqqas ta' aktar minn 70 sena, b'artikli mill-membri stess. S'issa wasalna fil-5 ħarġa u qed tintlaqa' tajjeb mill-membri u l-filatelisti.

Din is-sena, għall-ħames sena konsekuttiva, il-**Wirja Annwali tal-Filatelija** ttellgħet waqt Żejt iż-Żejtun f'Settembru. Din il-wirja nistgħu ngħidu li saret tkun mistennija fejn reġgħu ġew mijiet ta' nies iżuruha. Din is-sena l-wirja għat-tielet darba ttellgħet f'Sala Ġużeppina Curmi, u kienet titratta dwar memorji li baqgħu ħajjin mill-istorja tal-Belt Valletta li tidher fuq il-bolol u l-kartolini, hekk kif konna fis-sena li tagħti għal Valletta 18.



## Il-Grupp Letterarju taż-Żejtun

Matul din is-sena, baqa' jiltaqa' wkoll il-Grupp Letterarju taż-Żejtun, fejn qed naħdmu aktar fuq il-kitba tad-djalett Żejtuni, il-poeżija u l-kanzunetti bil-Malti. Il-membri tal-Grupp Letterarju taż-Żejtun kellhom diversi opportunitajiet fejn setgħu jaqraw ix-xogħol tagħhom fil-pubbliku, fosthom fis-serata ta' Ġieħ iż-Żejtun, il-Kunċert tal-Milied, it-Tifkira tal-Għoti tat-Titlu ta' Belt, fit-Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra u din is-sena ħadna sehem ukoll fil-jumejn tal-GħanaFest 2017. Ġnien Luqa Briffa għall-jumejn li huma kien iddedikat għad-djalett Żejtuni, fejn numru ta' qarrejja mill-Grupp Letterarju ħolqu tbissima fost dawk preżenti u kien hemm tifħir mill-kumitat ta' Festivals Malta.

Matul din is-sena komplejna nippubblikaw żewġ ktejbiet oħra mis-sensiela '**Kulħadd Xogħlu Jogħġbu**', fejn qed nagħtu spazju lill-kittieba u poeti Żwieten biex iwasslu fost il-pubbliku l-kitbiet u l-poeżiji tagħhom. Din is-sena ħriġna bl-idea ta' **Spazjarti** fejn waqt xi laqgħat tal-Grupp Letterarju qed inżewqu xogħol letterarju mal-mużika Maltija, kantata minn artisti Żwieten.

## Żejtun Organisation to Empower You (ŻOEY)



L-organizzazzjoni tal-istudenti żgħażagħ ŻOEY issa daħlet fil-5 sena tagħha fejn komplejna naħdmu biex nippromovu, nippriservaw u nagħtu l-opportunitajiet liż-żgħażagħ biex ikomplu jaħdmu f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-istorja, il-kultura, l-arti u l-edukazzjoni. Barra minn hekk, permezz ta' din l-organizzazzjoni, komplejna nagħtu opportunità lill-istudenti tal-livell post-sekondarju biex ikunu jistgħu jwettqu l-proġett tas-**Systems of Knowledge** magħna.

Matul din is-sena komplew jidħlu numru ta' żgħażagħ ġodda u kellna kalendarju mimli attivitajiet minn ġimgħa għal oħra; fejn bqajna niltaqgħu kull ġimgħa nhar ta' Sibt mis-2pm sal-4pm, fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun, biex inħejju diversi attivitajiet barra li l-membri jkollhom attivitajiet u diskussjoni f'teamwork minn ġimgħa għal oħra.

Fost l-attivitajiet li organizzajna kien hemm:

- Li fl-10 ta' Awwissu ħadna ħsieb li nerġgħu norganizzaw iż-**Żejtun National Heritage Treasure Hunt**, f'żewġ kategoriji: madwar it-toroq taċ-ċentru taż-Żejtun bil-mixi għat-tfal u madwar il-konfini taż-Żejtun bil-karozza għall-adulti, fejn ħadu sehem 'il fuq minn 330 parteċipant minn tfal sa anzjani, u ntrebħu aktar minn **€2500** fir-rigali, barra li ngħataw vawċers lill-parteċipanti kollha. Għal din l-attività tħejja filmat li rawh aktar minn 8,800 ruħ. Din l-attività kienet imtella' b'kollaborazzjoni mal-fondazzjoni Valletta 18.

- Li l-membri ta' ŻOEY taw is-sehem tagħhom ukoll waqt l-**Għana Fest 2017**, li din is-sena fuq jumejn ġiet organizzat fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien Luqa Briffa.

- Li fid-9 ta' Lulju komplejna nagħtu spazju lill-artisti, biex jesponu l-arti tagħhom fil-pubbliku. Fejn għal darb' oħra ġiet organizzata **L-Arti fil-Beraħ**, bis-sehem ta' aktar minn **50 artist**, maġġoranza Żwieten, il-Misraħ ta' San Girgor inbidel f'ambjent artistiku b'kull tip ta' arti, minn bizzilla, mużika u karozzi fost 'l oħrajn.

- Li għamilna **kompetizzjoni tal-arti** bit-tema tad-diversità, fost l-istudenti tal-primarja, fejn kien hemm aktar minn **140 sottomissjoni** għal din il-kompetizzjoni . It-tpinġija rebbieħa ġiet impinġija mill-pubbliku fuq skala akbar waqt L-Arti fil-Beraħ.

- Li waqt Żejt iż-Żejtun 2017 tellajna l-wirja fiċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġjanat bl-isem **'Il-Muxrafija'** fejn tajna prominenza l-aktar **100 triq antika** fiż-Żejtun u li tinsab fiż-Żona Urbana ta' Konservazzjoni biex nuru s-sbuħija li jafu joffru t-toroq Żwieten. Din il-wirja ġew jarawha mijiet ta' persuni u kellna rispons pożittiv miż-Żwieten, li qajjimnilhom nostalġija, u anki t-turisti.

- Li waqt Żejt iż-Żejtun 2017 tellajna wkoll stand dwar il-ħidma tal-membri ta' ŻOEY fi Triq San Girgor.

- Li hekk kif minn din is-sena il-Kunsill Lokali, flimkien ma' Festivals Malta, ħadna ħsieb li jagħtu xejra differenti **lill-festa ta' San Girgor** fiż-Żejtun. Il-membri ta' ŻOEY libsu lbies tradizzjonali u ħadu sehem waqt il-purċissjoni. Ġew imħejjija wkoll diversi logħob tradizzjonali għall-pubbliku preżenti. Qassamna wkoll ikel tradizzjonali Malti, fosthom il-bigilla magħmula miż-żgħażagħ stess, li ġiet apprezzata mill-Arċisqof.

- Li matul is-sena ħejjejna diversi **filmati** li jippromovu l-kultura u t-tradizzjonijiet li nsibu fiż-Żejtun; fosthom tal-artist Johann Aquilina, il-produzzjoni tal-ħalib f'Fenech Farm, is-serer idroponiċi ta' Renny's Herbs and Salads, il-forn tal-pastizzi ta' Roger's Bakery, il-produzzjoni tal-ġbejniet, u l-proċess tal-manuċċa mis-Sur Lino Psaila, li kienu ta' suċċess kbir mal-viżitaturi. Fosthom kien hemm il-filmat dwar il-produzzjoni tal-pastizzi tal-inċova li rawh aktar minn 27,000 ruħ. Matul is-sena ġibdu numru ta' **dokumentarji** wkoll bi tħejjija għall-enċiklopedija interattiva 'Iż-Żejtun 5.37'.

- Li f'Ottubru erġajna ħadna sehem waqt il-**fiera tal-NGOs** tal-istudenti organizzata fl-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar, biex nagħtu l-opportunità lill-istudenti biex ikunu jistgħu jagħmlu l-proġett tas-Systems of Knowledge magħna.

- Li l-membri ħadu sehem f'diversi seminars u attivitajiet ta' **Valletta 18**. Fosthom kellhom mawra sa **Għawdex** biex nieħdu sehem f'promozzjoni ta' Għawdex permezz tal-fotografija, li se jkunu qed jintużaw fl-2018 fil-Belt Valletta. Kif ukoll ħadna sehem waqt **Taħdita Teatru**.

- Li f'Diċembru morna nżuru wkoll l-anzjani tad-**Dar tal-Anzjani taż-Żejtun**, għaż-żminijiet tal-Milied, fejn qattajna xi sigħat inferrħu lill-anzjani billi kantajna magħhom għanjiet tal-Milied u qasamnilhom ħelu tradizzjonali li sar miż-żgħażagħ stess. Kienet apprezzata ħafna din iż-żjara.



- Li waħda mill-akbar avvenimenti li organizzajna għat-tielet sena konsekuttiva kienet **Trick or Treat b'Differenza fil-Halloween**. Fejn f'anqas minn 4 sigħat irnexxielna niġbru aktar minn **800 kilo ikel**, mill-inħawi ta' Ġebel San Martin, Triq il-Falkunier, u Ta' Ganza. Din l-attività ġibdet ħafna attenzjoni mill-midja għall-ġabra rekord u kellna features fuq numru ta' gazzetti, portals lokali, u anki stazzjonijiet tat-TV u r-radju. Il-prodotti ġew miġbura b'risq it-tfal ta' **Sliema Creche** u l-**Food Bank**.

- Li tqassmu ***bookmarks*** differenti, bi qwiel Maltin dwar is-solidarjetà, lil dawk kollha li taw donazzjoni waqt il-ġabra ta' prodotti tal-ikel fil-Halloween.

- Li matul is-sena organizzajna diversi ***hikes*** madwar Malta, fosthom mill-Imġiebaħ sal-Mistra, u miż-Żejtun sa St. Peter's Pool. Kif ukoll hike avventuruż mill-Ġnejna sa Anchor Bay. Matul is-sajf organizzajna wkoll mawra f'Kemmuna, fejn barra għawma fil-Blue Lagoon, morna hike madwar **Kemmuna**, fejn fost 'l oħrajn żorna t-Torri ta' Santa Marija u l-Għar ta' Monte Cristo.

- Li wħud mill-membri ta' ŻOEY ħadu sehem waqt il-programm ***'X'Kien Ġara Tassew?'*** fuq l-istazzjon nazzjonali, TVM.

- Li ħejjew u ħadu sehem waqt l-attività 'Iż-Żejtun Taħt in-Nar' billi għamlu riċerka dwar il-vittmi Żwieten li ħallew ħajjithom waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Għal dak in-nhar tal-attività ħadu ħsieb ukoll il-**Victory Kitchen**, fejn qasmu ikel tradizzjonali Malti b'xejn.

- Fi Frar 2017 għamilna sttħarriġ fost iż-Żwieten dwar il-**laqmijiet**. Fejn il-membri ħarġu fil-Pjazza taż-Żejtun isaqsu minn fejn ġew dawn il-laqmijiet u xi jfissru, l-istess membru użaw dan l-istħarriġ bħala parti mill-istudju edukattiv tagħhom.

- Li matul is-sena ŻOEY serva biex iż-żgħażagħ jagħmlu ħbieb ġodda, permezz ta' diversi ħruġ u **BBQs**.

## Is-Sit u l-paġna tal-*Facebook*

Ħadt ħsieb li s-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, *www.zejtunlocalcouncil.com*, matul is-sena jibqa' jiġi aġġornat b'dak kollu li jkun qed iseħħ fil-Kunsill Lokali. Matul is-sena eluf ta' Maltin u turisti, qed jidħlu f'dan is-sit biex ifittxu informazzjoni utli, kif ukoll informazzjoni fuq l-istorja u l-kultura taż-Żejtun. Qed jintuża wkoll mit-tfal għall-proġetti, hekk kif is-sit issa qiegħed bil-Malti wkoll.

Ħadt ħsieb ukoll li ta' kull ġimgħa nkompli naġġorna l-paġna uffiċjali tal-Kunsill Lokali fuq *facebook*, *'Kunsill Lokali Żejtun – Żejtun Local Council'*, biex qed tkun avviżiera aktar qrib il-poplu Żejtuni. Numru kbir ta' nies qed isibu din il-paġna wkoll utli, fejn għandha aktar minn 2,000 utent li jżuruha b'mod regolari.

## Restawr: in-Niċċa San Ġużepp



Ħadna ħsieb biex is-sena nerġgħu napplikaw għall-iskema tal-Gvern għar-restawr biex tiġi restawrata n-**Niċċa ta' San Ġużepp**, ta' Triq Marsaxlokk k/m Triq San Pietru. Din in-niċċa ġiet magħżula bħala waħda mis-siti li l-Gvern Ċentrali se jkun qed jirrestawra fix-xhur li ġejjin. Għalkemm sibna diversi intoppi biex ix-xogħol ta' restawr ikun jista' jibda, minħabba l-ħsara konsiderevoli li hemm mal-binjiet li tinsab imwaħħla magħhom, jidher li sibna soluzzjoni mill-awtoritajiet rispettivi. Issa matul din is-sena nisperaw li dan ir-restawr isir. Minn hawn nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Gvern Ċentrali li matul din is-sena ħa ħsieb biex iwettaq żewġ proġetti oħra ta' restawr, il-binja tal-Għassa u l-faċċata tal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali, li kienet ilha snin mgħottija bl-i*scaffolding*.




## Iż-Żejtun 5.37

Wara tlett snin ħidma miż-żgħażagħ ta' ŻOEY f'riċerka u fotografija, din is-sena ħareġ il-programm interattiv 'Iż-Żejtun - 5.37' li jagħti ħarsa lejn l-inħawi, it-toroq, il-postijiet ta' interess u x-xbihat reliġjużi li nsibu fil-parametri tal-belt Żejtunija. Dan il-programm interattiv qed jagħti ħarsa lejn aktar minn 300 triq li jsawru ż-Żejtun u l-istorja li għaddew minnha. Barra minn hekk, qed nagħtu ħarsa lejn l-istorja tal-ismijiet ta' dawn it-toroq u l-isqaqien, b'informazzjoni ddettaljata u fil-qosor, dwar kliem differenti li jqajjem kurżità sħiħa. F'din l-enċiklopedija tajna ħarsa lejn il-Belt Beland ukoll b'diversi ritratti li jikxfu l-irkejjen kollha taż-Żejtun. F'dan il-programm imħejji nsibu wkoll CD iddedikata għal aktar minn 90 xbieha

reliġjuża antika li nsibu mferrxa madwar ir-Raħal t'Isfel, ir-Raħal ta' Fuq, il-qalba taż-Żejtun u anki fl-inħawi rurali.
Dan il-programm ġie mħejji biex jgħarraf lill-pubbliku Malti b'mod faċli, diġitali u interattiv dwar l-istorja rikka li joffri ż-Żejtun. Is-CD tinsab għall-bejgħ mill-Kunsill Lokali għall-prezz ta' 5 ewro u s'issa ntlaqgħet tajjeb mal-pubbliku.

## Il-Premju Frans Sammut



Bħala rikonoxximent tal-ħidma b'risq il-lingwa Maltija matul is-sena b'diversi inizjattivi u attivitajiet li norganizzaw, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol reġa' rrikonoxxa l-Kunsill Lokali taż-Żejtun bħala l-aktar kunsill lokali li jaħdem favur il-lingwa materna. Barra minn hekk ġejna fit-tieni post tal-aktar entità f'Malta li taħdem biex tippromwovi l-ilsien Malti. Dan kien ta' sodisfazzjoni hekk f'dawn l-aħħar tlett edizzjonijiet ta' dan il-Premju dejjem ksibna post mal-aqwa tlieta. Barra li ħadna trofew, ġejna mogħtija wkoll 1000 ewro għal dan il-għan.

## Attivitajiet Kulturali



### Iż-Żejtun Taħt in-Nar

Biex infakkru l-75 sena anniversarju mit-Traġedja tal-Pjazza, tat-2 ta' Mejju, 1942, fl-ewwel Ħadd ta' Mejju ġie organizzata għall-ewwel darba l-avveniment 'Iż-Żejtun Taħt in-Nar' fejn dawwarna l-Pjazza taż-Żejtun għal żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Barra li fakkarna t-28 persuna li mietu waqt din it-traġedja u l-vittmi Żwieten kollha li mietu fil-Gwerra, fejn urejna ċ-ċertifikati tal-mewt tagħhom kollha, kien hemm tlett gruppi ta' re-enactments; il-Malta Commands, il-Battlefield u l-Battlefront, fejn għamlu wirjiet bis-suldati Ingliżi u Ġermaniżi b'ilbies ta' żmien il-Gwerra. Barra minn hekk il-pubbliku seta' jammira l-karozzi u t-trakkijiet ta' dik l-epoka, u anki l-karozza tal-linja taż-Żejtun ta' dak iż-żmien. Preżenti kien hemm ukoll diversi Żwieten li jiftakru l-Gwerra fejn irrakkontaw dak li għaddew minnu.

Barra minn hekk saret ukoll it-tifkira simbolika tas-soltu bis-sehem tat-tliet għaqdiet mużikali taż-Żejtun, l-iscouts u l-Arċipriet Dun Nikol Pace, fejn bierek il-lapida, u tpoġġiet kuruna tal-fjuri ad unur missirijietna li ħallewna f'din it-traġedja.

## Città Beland - 220 sena

Biex infakkru l-220 sena anniversarju minn meta ż-Żejtun ingħata t-titlu ta' Città Beland, qabel il-Kunċert tal-Milied għamilna din it-tifkira simbolika. Għal dan l-avveniment, li sar ħdejn il-mafkar ta' Misraħ Karlu Diacono, ħadu sehem l-għaqdiet mużikali tal-parroċċa u nqraw numru ta' poeżiji mill-membri tal-Grupp Letterarju taż-Żejtun. Għal dan l-anniversarju tqassmet poeżija dwar dan l-avveniment storiku lil kull min attenda l-kunċert.

## Kompetizzjoni u Kors tal-Inbid



Reġgħet ittellgħet il-kompetizzjoni tal-inbid, din id-darba waqt l-Għana Fest 2017 fi Ġnien Luqa Briffa, fejn ġew eżaminati għall-kulur, l-aroma, u l-palat. Kien hemm tlett kategoriji ta' nbid; aħmar, abjad u rosé, fejn ingħata premju lill-ewwel tlieta ta' kull kategorija. Din is-sena kellna rekord ta' parteċipazzjoni.

F'Lulju erġajna għamilna kors ta' tlett ġimgħat b'xejn dwar il-proċess u l-għasir tal-inbid, flimkien mal-Għaqda Għassara tal-Inbid, fejn kien hemm konkorrenza tajba ta' aktar minn 70 ruħ. Ingħata ċertifikat lil kull min attenda l-lezzjonijiet kollha. Bħalissa qed jitħejja biex isir l-istess format ta' kors dwar il-produzzjoni tal-għasel.



## L-Arti fil-Beraħ

F'Lulju li għadda erġajt ħadt ħsieb li ntella' l-attività tal-Arti fil-Beraħ, għat-tieni sena fuq skala akbar. Din l-attività ntlaqgħet tajjeb ħafna u bil-format ta' din is-sena kellna konkorrenza akbar, fejn aktar minn 50 artisti setgħu wkoll jippromovu l-arti tagħhom u l-ħiliet fil-pittura, il-bizzilla, it-tafal, iċ-ċeramika, il-ġojjellerija u l-arti tax-xugamani. Din is-sena l-Arti fil-Beraħ saret fil-misraħ ta' biswit il-Knisja ta' San Girgor.

Dak in-nhar iċċelebrajna wkoll it-tema tad-diversità, fejn il-pubbliku li attenda seta' jieħu sehem fi tpinġija kbira li tippreżenta li tiċċelebra l-għaqda bid-diversità.

Min attenda seta' japprezza wkoll numru ta' karozzi u muturi antiki.

## Żmien il-Ġimgħa Mqaddsa

Għal waqt iż-żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa ħadt ħsieb biex tarġa' tittella' l-**kompetizzjoni** tal-isbaħ armar marbut ma' dawn iż-żminijiet tal-passjoni fid-djar Żwieten. Kien hemm numru rekord ta' kompetituri li ħadu sehem u kollha ngħataw rikonoxximent tax-xogħol li jwettqu b'dedikazzjoni kbira b'rabta ma' dawn iż-żminijiet.

Għal dan iż-żminijiet, ħadt ħsieb biex il-Kunsill Lokali taż-Żejtun jerġa' joħroġ il-**fuljett** bil-wirjiet kollha li jkunu hawn fiż-Żejtun marbuta ma' dawn iż-żminijiet. Il-fuljett sar kemm bil-Malti u anki bl-Ingliż, biex iservi ta' għajnuna għall-Maltin u t-turisti li jiġu jżuru ż-Żejtun fiż-żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

## Is-Serata ta' Ġieħ iż-Żejtun - 19 ta' Marzu



Matul din is-serata, bħas-snin imgħoddija, reġa' kien hemm il-**Konkors Letterarju Annwali** tal-Kunsill Lokali, li kull sena qed jieħdu sehem fih kittieba ġodda, li din is-sena kellna numru rekord fejn jidħlu kittieba u anki l-livell ta' kitbiet. F'dan il-Konkors ġew ippremjati l-aqwa rakkont b'Malti standard (li ntrebħet mis-Sinjura Maryrose Mifsud ), l-aqwa poeżija (li ntrebħet mis-Sinjura Lina Bonnici), u l-aqwa silta għaż-żgħażagħ taħt it-18-il sena (li ntrebħet mis-Sur Andrè Mifsud). Barra minn hekk, bħas-snin imgħoddija, ingħata t-Trofew Frans Baldacchino (il-Budaj) għall-aqwa silta bid-djalett Żejtuni li ħadu s-Sur Joe Baldacchino. Il-kitbiet kollha li ħadu sehem ġew ippubblikati f'żewġ ktejbiet biex ikunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku. Din is-sena wkoll, qed jiġu ppremjati xogħlijiet letterarji bl-istess format u l-applikazzjonijiet diġà jinsabu miftuħin. Barra minn hekk, din is-sena bħala tifkira tas-Sur Lino Psaila, se jibda jingħata l-Premju Lino Psaila għall-aqwa silta tad-djalett u l-Premju Frans Baldacchino (il-Budaj) għall-aqwa poeżija.

Dakinhar ġie onorat ukoll bil-midalja ta' Ġieħ iż-Żejtun is-**Sur Trevor Żahra**, li ħadem u għadu jikteb u jippubblika kotba għat-tfal u l-adulti. Dan seta' jingħata peress li mill-2017, Ġieħ iż-Żejtun seta' beda jingħata wkoll lil min ġie onorat b'Ġieħ ir-Repubblika. Fl-istess serata, ingħata wkoll unur ta' apprezzament lil Dun Remiġ, is-Sur Jesmond Ferriggi, u l-Juvenutis Domus Sacra Familgia.

Din is-sena sar ukoll **trofew ġdid** ta' Ġieħ iż-Żejtun, peress li ta' qablu kien qdim wara li dam jintuża għal 20 sena. It-trofew il-ġdid tal-fidda għandu forma ta' ġwienaħ.

Bħalissa hemm is-sottomissjonijiet miftuħin għal Ġieħ iż-Żejtun 2018, li din is-sena se jingħata fid-19 ta' Marzu.

Is-serata ttellgħet fis-Sala Parrokkjali u kienet ippreżentata mis-Sur Twanny Spagnol u bis-sehem tal-kantanta Janice Mangion, fejn annimat is-serata b'numru ta' kanzunetti bil-Malti mill-album tagħha.



## Żmien il-Milied – il-Kunċert u l-Kompetizzjoni

Din is-sena il-ħidma spiċċat bil-**Kunċert Annwali tal-Milied**, li din is-sena reġa' sar fit-30 ta' Diċembru, l-istess jum meta ż-Żejtun kiseb it-titlu ta' Belt. Mill-udjenza tajba li qed ikun hemm ta' kull sena, jidher li l-Kunċert Annwali tal-Milied daħal fil-kalendarju annwali ta' diversi Żwieten.

Din is-sena kellna fostna wieħed mill-aqwa korijiet gospel f'pajjiżna, **Joy Gospel Choir**, u dawk kollha li attendew, li kien numru ta' sodisfazzjon, ħarġu sodisfatti bil-livell għoli tal-kunċert. L-armar tad-dwal fil-Knisja Parrokkjali komplew idaħħlu lil dawk preżenti fil-ferħ u l-hena ta' żmien il-Milied. Għal waqt il-Kunċert tal-Milied ħadt ħsieb li jinġabru fondi għall-bżonnijiet tal-Knisja Parrokkjali min-nies preżenti.

Matul il-Kunċert tal-Milied, ingħata t-**Trofew Carlo Diacono** lill-aqwa bandist tas-sena taż-żewġ baned ewlenin taż-Żejtun. Għal din is-sena, f'isem is-Soċjetà Mużikali Beland, ġie onorat is-Sur Joseph Baldacchino u f'isem l-Għaqda Banda Żejtun ġie onorat is-Sur Isaac Scicluna.

Għall-waqt il-festi tal-Milied, ħadt ħsieb biex terga' tittella' l-**Kompetizzjoni tal-Isbaħ Armar Kreattiv taż-Żminijiet tal-Milied fiż-Żejtun**. Kellna numru sabiħ ta' kompetituri li ħadu sehem, bħas-snin imgħoddija, u kollha ngħataw rikonoxximent tax-xogħol sabiħ tagħhom b'rabta ma' dawn iż-żminijiet.

## Għeluq

Hawn tajt ħarsa ħafifa lejn id-diversi attivitajiet li ġew organizzata matul din is-sena u li kien ħaqqhom jissemmew. Fejn kien hemm diversi attivitajiet oħra, fosthom laqgħa dwar Dun Salv, bi tħejjija għall-mafkar li se jsir f'ismu mill-Kumitat li qed jieħu ħsieb dan. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sindki, il-mibki s-Sur Joe Attard u s-Sinjura Doris Abela, tal-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom għal kull attività li xtaqt norganizza matul din is-sena. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Kunsilliera sħabi kollha tal-koperazzjoni u l-għajnuna li dejjem sibt mingħandhom. Bla dubju ta' xejn, nixtieq ngħid grazzi kbira lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali, fosthom lis-Segretarju Anton Falzon, li jkun ta' għajnuna kbira matul is-sena biex kollox jitmexxa b'mod tajjeb f'kull attività, u lil Angelo u Reuben tal-paċenzja li jieħdu. Filwaqt li nixtieq nirringrazzja ukoll lil Stefan u lil Marthese tal-għajnuna li sibt mingħandhom fl-attivitajiet tal-2017 u lill-ħaddiema 'l oħra kollha tal-Kunsill.

Fl-aħħar u mhux l-anqas, nixtieq nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li nsibu l-għajnuna tagħhom għall-attivitajiet varji, fejn għal kull attività nista' ngħid li hemm persuni partikolari li jagħtu l-kontribut tagħhom, iżda żgur ma nistax ninsa lil Glen Chircop, Joseph Chircop, Roderick Cutajar, Joe Baldacchino, Emanuel Psaila u Paul Zammit li dejjem sibthom ta' għajnuna kull meta kelli bżonn. Grazzi wkoll tmur għall-membri fundamentali ta' ŻOEY; Laura Caruana, Joslyn Saliba, Diandra Cajal u Mariah Saliba u għall-membri 'l oħra kollha. Kif ukoll grazzi lill-membri tal-gruppi kollha 'l oħra li nieħu ħsieb; il-Grupp Filateliku taż-Żejtun, u l-Grupp Letterarju taż-Żejtun.





# Rapport u L-Estimi Finanzjarji għall-2018

## Anton Falzon, is-Segretarju Eżekuttiv

Is-sena l-2017, bħas-snin l-oħra, kienet sena mimlija sfidi. F'din is sena, il-Kunsill wettaq bosta proġetti infrastrutturali, fost l-akbar, Triq Marsaxlokk u Triq Dun Spir Grixtri. Sar ukoll tisbiħ f'Misraħ Wistin Abela, apparti l-bosta xogħlijiet li hemm ta' manteniment li jsir b'mod kontinwu fil-lokalita'. Apparti l-proġetti tanġibbli, issir bosta ħidma oħra fil-qasam soċjali u kulturali, li ma jkunux possibbli jekk mhux primarjament permezz tad-dedikazzjoni tal-Kunsilliera rispettivi.

Matul l-2017, komplejna nsaħħu r-risors uman fi ħdan il-Kunsill. L-impjegati ingħataw taħrig f'bosta oqsma u komplew ikattru l-esperjenza tagħhom fix-xogħol vast tal-Kunsill. L-impjegti huma kkunsidrati bħala l-pern tal-Kunsill u għalkemm relattivament huma kollha ġodda, grati ferm għas-servizz eċċellenti li qegħdin jagħtu lir-residenti Żwieten b'mod kontinwu.

B'dispjaċir, ikolli nirraporta li s-soluzzjoni fuq l-interessi li l-Kunsill hu mitlub li jħallas lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Manutenzjoni, baqgħat ma nstabitx. Illum wasalna f'sitwazzjoni fejn apparti s-somma deċiza bil-Qorti ta Ewro 81,000, il-Kunsill qiegħed jiġi mitlub iħallas s-somma ta' aktar min Ewro 93,000 f'interessi. Tajjeb li wieħed jirrimarka li dawn l-interessi mhux qed jiġu mitluba mid-data ta' meta nqatgħet il-kawża, iżda sa mill-2003 minn meta beda l-proċess legali. Minkejja l-bosta talbiet mal-Ministri konċernati, l-appell tal-Kunsill baqa' ma nstemax. Żgur li dan mhux l-aqwa eżempju ta kif għandhom jiġu appoġjati l-Kunsilli Lokali. Ħasra li flok il-fondi li tant huma bżonnjuzi għal-lokal u għall-ġid tal-komunita' ser jintefqu hekk.

Bħal kull sena, qegħdin inressqu wkoll l-estimi Finanzjarji għas-sena 2018. Apparti l-ispejjez ta' l-operat, il-Kunsill qiegħed jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex isib fondi għall-proġetti kapitali u infrastrutturali fil-lokal. Apparti tiswijiet ta' toroq u bankini, din is-sena permezz tal-Fondi għall-Progetti Kapitali u l-Fondi tal-*Urban Improvement Fund,* ser isir tisbiħ fuq Ġnien San Girgor. Ser jinbidel ukoll it-tagħmir għal-logħob tat-tfal fi Ġnien il-Qawsalla.

Ma nistax nagħlaq dan ir-rapport jekk ma nsellimx il-memorja ta' l-eks Sindku, is-Sur Joe Attard, li miegħu ħdimt għal dawn l-aħħar 10 snin. Joe Attard mhux biss kien xempju ta' tmexxija soda, iżda kien meqjus missier għal ħafna li kellhom xi forma ta rwol fil-Kunsilli Lokali. Nieħu din l-opportunita' sabiex nawgura lis-Sinjura Abela u s-Sinjura Fenech għall-kariga l-ġdida tagħhom ta' Sindku u Viċi-Sindku rispettivament.

Nawgura wkoll lis-Sa. Dorcas Camilleri, li ingħaqdet mal-Kunsill f'Novembru, 2017 fil-kariga' ta' Kunsillier. Mill-qalb nirringrazzja lill-ħaddiema klerikali u manwali, kif ukoll lill-Kunsilliera, li mingħajr l-ħidma tagħhom, is-suċċess miksub żgur ma kienx ikun possibbli.

## Id-dħul għall-2018

| Nru tal-Kont. | Deskrizzjoni | Baġit (bl-€) |
|---|---|---|
| **0000** | **Il-Gvern** | |
| 0001 | Annwali | 843,600 |
| 0002 | Supplimentari (ara Nota 1, mehmuża) | 60,600 |
| | **Total** | **904,200** |
| 0080 | Manuċċa Child Care Centre | 36,000 |
| 0023 | Attivitajiet kulturali | 700 |
| 0021 | Servizzi fil-komunità | 25,000 |
| 0040 | Permessi | 28,500 |
| 0057 | Servizzi oħrajn / kera tat-tribunal | 17,400 |
| 0066 | Ġenerali / separazzjoni tal-iskart | 24,500 |
| | **Total** | **132,100** |
| **0090** | **Investimenti** | |
| 0091 | L-interessi tal-bank | 2,500 |
| | **Total** | **2,500** |
| **0100** | **Ġenerali** | |
| | Claims tal-Assigurazzjoni | - |
| | Kontribuzzjonijiet mill-attivitajiet Sotto Kumitati | 17,800 |
| | **Total** | **17,800** |
| | **TOTAL GLOBALI** | **1,056,600** |

## Il-ħruġ għall-2018

### Il-ħlas tal-pagi

| Nru tal-Kont. | Deskrizzjoni | € |
|---|---|---|
| 1100 | L-onorarja tas-Sindku | 11,196 |
| 1200 | Il-pagi u s-salarji tal-impjegati u allowance tal-Kunsilliera | 115,991 |
| 1300 | Bonuses | 3,075 |
| 1400 | Performance bonuses | 7,389 |
| 1500 | Il-bolla tas-Sigurtà Soċjali u l-kontribuzzjonijiet | 9,569 |
| 1600 | L-allowances | 1,000 |
| 1700 | Is-sahra | 5,000 |
| | **Total** | **153,219** |

### Ix-xogħol u l-manutenzjoni

| Nru tal-Kont. | Deskrizzjoni | € |
|---|---|---|
| 2100 | Il-provvista tad-dawl u l-elettriku | 17,000 |
| 2200 | Il-materjal | 6,000 |
| 2300 | It-tiswijiet u l-manutenzjoni (ara Nota 1, mehmuża) | 61,000 |
| 2400 | Ir-renta | 3,000 |
| 2500 | Is-sħubijiet nazzjonali/internazzjonali | 200 |
| 2600 | Is-servizzi tal-uffiċċju | 9,500 |
| 2700 | It-trasport | 1,600 |
| 2900 | Is-servizzi tal-informazzjoni | 5,000 |
| 3000 | Is-servizzi kuntrattwali (ara Nota 2) | 338,100 |
| 3100 | Is-servizzi professjonali | 20,000 |
| 3300 | Il-komunità u l-ospitalità | 80,000 |
| 3400 | Spejjeż inċidentali | 47,000 |
| | **Total** | **588,400** |

## L-ispejjeż kapitali - 2018

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | Year 2018 | Total tal-Kont Euro |
|---|---|---|---|
| **7001** | **Ix-xiri ta' propjetà** | **0** | **0** |
| **7100** | **Il-kostruzzjoni** | | **215,726** |
| | Il-kisi mill-ġdid tat-toroq (l-5% tal-Kunsill, ara ~~Nota 3, mehmuża)~~ | 15,726 | |
| | Il-kisi mill-ġdid ta' toroq | 200,000 | |
| **7200** | **It-titjib** | | **28,000** |
| 7210 | Ġnien il-Qawsalla | 10,000 | |
| 7230 | Is-sinjali tat-traffiku ġodda | 8,000 | |
| 7240 | Titjib urban | 10,000 | |
| **7300** | **L-apparat** | | **7,000** |
| 7310 | Apparat għall-uffiċċju | 5,000 | |
| 7320 | Pjanti u l-makkinarju | 2,000 | |
| **7500** | **Proġett Kapitali Ġnien San Girgor** | | **50,000** |
| | **Total** | | **300,726** |

## Il-ġabra tad-dħul u l-ħruġ

| Nru tal-Kont. | Deskrizzjoni | Jan-Diċ 2018 Euro |
|---|---|---|
| **2** | **Id-dħul** | |
| 0000 | Il-Gvern | 904,200 |
| 0020 | Il-*by-laws* | 132,100 |
| 0090 | L-investimenti | 2,500 |
| 0100 | Ġenerali | 17,800 |
| | **Total** | **1,056,600** |
| **1** | **L-ispejjeż** | |
| 1000 | Is-salarji | 153,219 |
| 2000 | Ix-xogħol u l-manutenzjoni | 588,400 |
| 7000 | L-ispejjeż kapitali | 300,726 |
| | **Total** | **1,042,345** |
| | **Il-bilanċ** | **14,255** |

## Nota 1: Dikjarazzjoni tal-fondi supplimentari - 2018

| Deskrizzjoni | € |
|---|---|
| L-iskema tal-inizjattiva kulturali – 2017 | 10,000 |
| Skema Inizjattivi Libreriji | 600 |
| Progetti Kapitali | 50,000 |
| **Total** | **60,600** |

## Analiżi tat-tiswijiet u l-manutenzjoni

| Deskrizzjoni | € |
|---|---|
| Il-propjetà pubblika | 1,500 |
| L-ippavimentar tat-toroq | 35,000 |
| Is-sinjali | 5,500 |
| Iż-żebgħa tat-toroq | 8,000 |
| Ix-xelters tal-*bus stops* | 4,500 |
| L-għamara tal-uffiċċju | 3,500 |
| Il-pjanti u l-apparat | 1,000 |
| Tiswijiet u manutenzjoni oħra | 500 |
| Il-propjetà tal-Kunsill | 1,500 |
| **Total** | 61,000 |

## Nota 2 - Il-ftehim kuntrattwali annwali

| Deskrizzjoni | € |
|---|---|
| It-tindif u l-manutenzjoni tal-parks u l-ġonna | 32,000 |
| It-tindif tat-toroq | 44,800 |
| It-tindif u l-manutenzjoni tat-toroq mhux urbani | 9,450 |
| Id-dwal tat-toroq | 34,000 |
| Il-ġbir tal-iskart | 110,000 |
| Il-ġbir tal-iskart goff | 16,000 |
| Il-polza tal-assigurazzjoni | 5,500 |
| L-ispejjeż tal-bank | 100 |
| It-tindif tal-bini tal-Kunsill | 5,100 |
| Servizzi kuntrattwali oħrajn | 5,000 |
| It-tindif tal-latrini pubbliċi | 5,250 |
| It-tindif fil-festi | 1,400 |
| Ir-rimi tal-ħmieġ/skart | 70,000 |
| **Total** | **338,100** |

## Nota 3: Il-Public Private Partnership

**L-ewwel ġabra:**

- Triq Bisqallin,
- Triq il-Lvant,
- Triq il-Ħelsien,
- Misraħ Indipendenza,
- Triq Santa Katerina, u
- Triq il-25 ta' Novembru

**L-ispiża globali: €312,857**

| L-ispejjeż (bl-€): | 40% 2012 | 20% 2013 | 10% 2014 | 5% 2015 | 5% 2016 | 5% 2017 | 5% 2018 | 5% 2019 | 5% 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun** | 62,450 | 31,285 | 31,285 | 15,726 | 15,726 | 15,726 | 15,726 | 15,726 | 15,726 |
| **Il-Gvern Ċentrali** | 62,450 | 31,285 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

## Nota 4 - Komunita' u Ospitalita'

### Rendikont ta' dħul u ħruġ - 2017

| Dħul | | Euro | |
|---|---|---|---|
| Att- 23 | Kultura | 310 | |
| Att- 121 | Kontribuzzjonijiet għall-Attivitajiet tal-Komunita' | 14,961 | |
| Att- 122 | Korsijiet Edukattivi | 380 | |
| Att- 123 | Kontribuzzjonijiet taż-Żgħażagħ u Sports | 400 | |
| Att- 125 | Żejt iż-Żejtun (Permessi u Għotjiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali) | 17,983 | |
| Att- 126 | Sotto Kumitat tax-Xjuħ | 40 | |
| | | **Dħul** | **34,074** |

| Ħruġ | | Euro | |
|---|---|---|---|
| Att- 3340 | Spejjeż Oħra ta' Ospitalita' | 3,768 | |
| Att- 3361 | Attivitajiet Soċjali tal-Komunita' | 14,761 | |
| Att- 3362 | Attivitajiet Soċjali taż-Żgħażagħ u Sports | 368 | |
| Att- 3363 | Edukazzjoni | 1,813 | |
| Att- 3364 | Żejt iż-Żejtun | 41, 138 | |
| Att- 3366 | Anzjani b'Diżabilita' | 376 | |
| Att- 3370 | Attivitajiet Kulturali | 3,960 | |
| | | **Ħruġ** | **66,184** |
| | | | |
| | | **Ħruġ Totali** | **32,110** |

## Tbassir Finanzjarju għal Tlett Snin għad-dħul 2018-2020

| Acct No | Description | 2018 Forecast Euro | 2019 Forecast Euro | 2019 Forecast Euro | Total Forecast Euro |
|---|---|---|---|---|---|
| **2.00** | **Income** | | | | |
| **0000** | **Government** | | | | |
| 0001 | Annual | 843,600 | 860,000 | 880,000 | 2,583,600 |
| 0002 | Supplementary | 60,600 | 30,000 | 40,000 | |
| 0003 | Special Needs | | | | |
| 0004 | Public/Government Delegation | | | | |
| 0015 | Others | | | | |
| | | **904,200** | **890,000** | **920,000** | **2,583,600** |
| 0023 | Cultural Activities | 700 | 770 | 847 | 2,317 |
| 0021 | Community Services | 25,000 | 27,500 | 30,250 | |
| 0040 | Permits | 28,500 | 31,350 | 34,485 | 94,335 |
| 0057 | Other Services | 17,400 | 19,140 | 21,054 | 57,594 |
| 0066 | General | 24,500 | 26,950 | 29,645 | 81,095 |
| 0080 | Child Day Care Centre | 36,000 | 36,000 | 36,000 | |
| | | **132,100** | **141,710** | **152,281** | **235,341** |
| **0090** | **Investment** | | | | |
| 0091 | Bank Interest | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 6,000 |
| 0096 | Government Securites | | | | |
| | | **2,000** | **2,000** | **2,000** | **6,000** |
| **0100** | **General** | | | | |
| 0110 | Insurance Claims | 0 | | | |
| 0120 | Contributions | 17,800 | 19,580 | 21,538 | 58,918 |
| | | **17,800** | **19,580** | **21,538** | **58,918** |
| | **TOTAL** | **1,056,100** | **1,053,290** | **1,095,819** | **2,883,859** |

## Tbassir Finanzjarju għal Tlett Snin għall-Infiq 2018-2020

| **1000** | **Salaries** | **2018** | **2019** | **2020** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1100 | Mayor's Allowance | 11,196 | 11,419 | 11,648 | 34,263 |
| 1200 | Employee Wages and Salaries | 115,991 | 118,311 | 120,677 | 354,979 |
| 1300 | Bonuses | 3,075 | 3,136 | 3,199 | 9,410 |
| 1400 | Income supplements | 7,389 | 7,537 | 7,688 | 22,614 |
| 1500 | Social Security and Contributions | 9,569 | 9,760 | 9,955 | 29,284 |
| 1600 | Allowances | 1,000 | 1,020 | 1,040 | 3,060 |
| 1700 | Overtime | 5,000 | 5,100 | 5,202 | 15,302 |
| | | **153,219** | **156,283** | **159,409** | **468,911** |
| | | | | | |
| **2000** | **Operations and Maintenance** | | | | |
| 2100 | Utilities | 17000 | 17850 | 18743 | 53593 |
| 2200 | Materials and Supplies | 6000 | 6300 | 6615 | 18915 |
| 2300 | Repairs and Upkeep | 61000 | 64050 | 67253 | 192303 |
| 2400 | Rent | 3000 | 3150 | 3308 | 9458 |
| 2500 | National/Internatioanl memberships | 200 | 210 | 221 | 631 |
| 2600 | Office Services | 9500 | 9975 | 10474 | 29949 |
| 2700 | Transport | 1600 | 1680 | 1764 | 5044 |
| 2900 | Information Services | 5000 | 5250 | 5513 | 15763 |
| 3000 | Contractual Services | 338100 | 340000 | 350000 | 1028100 |
| 3100 | Professional Services | 20000 | 21000 | 22050 | 63050 |
| 3200 | Training | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 3300 | Community and Hospitality | 80000 | 80000 | 80000 | 240000 |
| 3400 | Incidental Expenses | 47000 | 49350 | 51818 | 148168 |
| 3600 | LES | | | | |
| | | **588400** | **598815** | **617756** | **1804971** |
| | | | | | |
| **7000** | **Capital Expenditure** | | | | |
| 7001 | Acquisition of Property | | | | |
| 7100 | Construction | 215,726 | 235,726 | 255,726 | 707,178 |
| 7200 | Improvements to Property | 28,000 | 22,000 | 25,000 | 75,000 |
| 7300 | Equipment | 7,000 | 11,000 | 3,000 | 21,000 |
| 7500 | Special Programme | 50,000 | - | - | 50,000 |
| | | 300,726 | 268,726 | 283,726 | 853,178 |
| | | | | | |
| **Total** | | **1,042,345** | **1,023,824** | **1,060,891** | **3,127,060** |

## Tbassir konsolidat għal Tlett Snin 2018-2020

| Acct NO | Description | 2018 Euro | 2019 Euro | 2020 Euro | Total Euro |
|---|---|---|---|---|---|
| **€ 2** | **Income** | | | | |
| € 0 | Government | 904,200.00 | 890,000.00 | 920,000.00 | 2,714,200.00 |
| € 20 | Bye Laws | 132,100.00 | 141,710.00 | 152,281.00 | 426,091.00 |
| € 90 | Investment | 2,500.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,500.00 |
| € 100 | General | 17,800.00 | 19,580.00 | 21,538.00 | 58,918.00 |
| | **TOTAL** | **1,056,600.00** | **1,053,290.00** | **1,095,819.00** | **3,205,709.00** |
| **€ 1** | **Expenditure** | | | | |
| € 1,000 | Salaries | 153,219.01 | 156,283.39 | 159,409.06 | 468,911.46 |
| € 2,000 | Operations and Maintenance | 588,400.00 | 598,815.00 | 617,755.75 | 1,804,970.75 |
| € 7,000 | Capital Expenditure | 300,726.00 | 268,726.00 | 283,726.00 | 853,178.00 |
| | **TOTAL** | **1,042,345.01** | **1,023,824.39** | **1,060,890.81** | **3,127,060.21** |
| | **Balance** | **14,255.00** | **29,465.61** | **34,928.19** | **78,648.79** |

## It-Tbassir dwar l-iżvilupp Kapitali għal tliet Snin 2018-2020

| Account No. | Capital Expenditure | Year | Year | Year |
|---|---|---|---|---|
| **Project No.** | **Project Description** | 2018 | 2019 | 2020 |
| | | | | |
| **7001** | **Acquisition of property** | | | |
| **7100** | **Construction** | | | |
| € 7,120 | Roads re-surfacing (10% Batch 1 - ZLC) | 15726 | 15726.00 | 15,726 |
| | Road Re-Surfacing | 200,000 | 220000<br>- | 240,000<br>- |
| | | 215726.00 | 235726.00 | € 255,726 |
| **€ 7,200** | **Improvements** | | | |
| € 7,210 | Gnien il-Qawsalla | 10000 | | € 0 |
| € 7,230 | New Street Signs | 8000 | € 10,000 | € 10,000 |
| € 7,240<br>€ 7,241 | Urban Improvements | 10000 | € 12,000 | € 15,000 |
| | | 28000 | 22000 | 25000 |
| **7300**<br>€ 7,310<br>€ 7,320 | **Equipment**<br>Office Equipment<br>Plant & Machinery | € 5,000<br>€ 2,000 | 3000<br>2000<br>6000 | 3000 |
| | | 7000 | 11000 | 3000 |
| **€ 7,500** | **Special Programmes** | | | |
| € 7,151 | San Girgor Capital Project<br>Other New Project / Shemes | € 50,000<br><br>50000 | | |
| | | | | |
| **Total New Projects** | | 300726 | 268726 | 283726 |

# Baġits għas-Sotto Kumitati

- Dorcas Camilleri - € 750
- Joan Agius - € 750
- Claude Camilleri - € 750
- Sean Chircop - € 750
- Stephanie Fenech - € 750

**Total € 3750**

# Baġits għall-attivitajiet

- Ġieħ Iż-Żejtun - € 2,000
- Xiri ta' Kotba - € 700
- Attivita S.F. - € 2,000
- Attivita J.A. - € 2,000
- Kor tal-Milied - € 1,000

**Total € 7,700**